# WARA T-TIEQA
# jew
# IL-WICC L-IEHOR

Salesian Theatre

- Sliema -

Script Nos: 389

"WARA T-TIEQA"

JEW

"IL-WICC L-IEHOR"

KUMMIEDJA SOCJALI FI TLETT TAQSIMIET TA' LINO GRECH.

JIEHDU SEHEM:- LURETA:

ANTON:

PIETRU PAWL:

GORG:

MARTA:

ALEX:

PHILIP:

FATHER HUGH:

/%/%/%/%/%/%/%/%/%/%/%/%/%/%/%/%/%/%/%/%/

1986.

XENA:- Living room fid-dar ta' Philip Formosa Gatt. Bieb fin-nofs u iehor fuq ix-xellug. (Xellug u lemin ta' min ikun qed jahdem fuq il-palk) Il-bieb tax-xellu jaghti ghall-kcina etc. Il-bieb tan-nofs lejn il-lemin jaghti ghall-barra u lejn ix-xellug ghall kmamar ohra fid-dar. Faccata lejn il-lemin hemm tieqa kbira maghluqa. Meta tinfetah it-tieqa wiehed ikun jista' jara kantuniera ta' triq b'nicca tan-Nazzarenu ftit fil-gholi. L-ghamara hija aktarx antika u ffulata fil-kamra. Purtieri tqal li jaghtu dehra misterjuza lil kamra. Hija wkoll mdawla hazin. Importanti li fost l-ghamara, in-naha tal-lemin l-isfel, ikun mejda zghira b'board tac-chess fuqha. Mal mejda zewg siggijiet. Fuq ix-xellug tmiss mal-hajt skrivanija li fuqha jkun hemm ritratt kbir ta' mara zabieha ta' xi tletin sena.

Xena 1. Meta tinfetah il-purtiera il-palk ikun ghadu vojt. Wara pawsa qasira tinstama qampiena tal-bieb ta' barra - mhux elettrika 6 Pawsa qasira u mix-xellug tidher Lureta mara ta' l-fuq minn sittin sena. Wiccha sabieh. Xaghrha abjad. Nadifa. Fardal abjad li jibda minn fuq sidirha. Il-harsa mqita turi li l-ambjent li qed tghix fih qed igieghla ssofri. Ghalkemm mhix ta' xi intelligenza partikulari, b'dana kollu il-karattru twajjeb taghha jigbdek. Lureta tohrog mill-bieb tan-nofs lemin. Pawsa qasira. Lureta tidher mill-bieb tan-nofs flimkien ma' Anton. Ragel cajtier ta' l-fuq minn hamsin sena. Ferhan, illum ftit aktar mis-soltu. Lieb es glekk u qalziet tax-xitwa izda mhux parigg.

LURETA:- Ghaddi ghaddi, sur Anton. Is-sur Philip mhux hawn. Coe, mhux mhux hawn, imma ghadu ma qamx. Qabel it-tlieta ta' dalghodu ma raqdux. Kellhom imorru Malta bla hsieb. Mela, mela xinhu. Wasal huh mill-Amerka... hekk, ghall-gharrieda gie, tafx.

ANTON:- Pietru Pawl?

LURETA:- Kollu kemm hu. Int tafu hux hekk?

ANTON:- Da zgur li nafu lil Pietru Pawl. Konna bdejna nahdmu flimkien., hu dizinjatur u jiena skultur. Biss Pietru Pawl ried xi haga ahjar. Ried isir sinjur. Hekk kien qalli. Niftakar qisu l-bierah. U mar l-Amerka. Nahseb li ilu ghoxrin sena nieqes issa.

LURETA:- U hamsa maghhom.

ANTON:- Hekk hu! Hamsa u ghoxrin sena. Daqshekk ili nghaffeg fit-tafal u nnaqqax l-irham jien.

LURETA:- Jghaddi z-zmien. Jghaddi nghid. Dak iz-zmien jiena kont ghadni nahdem ma missierhom.

ANTON:- Jaqbel li nerga' nitlaq minfejn gejt ghall-lum. Illum mhux ser nilghabu zgur. (Jersaq lejn ic-chess) Fil-qaghda li gibtu fiha, m'ghandux tama li jirbahli. Sellili hafna ghal Pietru Pawl u ghidlu li nilhaq narah.

LURETA:- Nghidlu mela ma nghidlux. Lanqas jilhaq iqum li ma nghidlux.

ANTON:- U lis-sur Philip ghidlu li din id-darba m'ghandux tama li jirbahli. Hares l-hawn, Lureta. (Juriha c-chess) Qed taraha lir-regina?

LURETA:- Jahasra sur Anton, lili fuq din l-imbierka loghba tac-chess tkellimni xejn ghax propju ma nifhem xejn. Hlief zwiemel, irgejjen, rejiet u isqfijiet ma nismaghkomx issemmu. Dejjem iddawwruhom minn naha ghal ohra; sturdejtuhom. Ilkom tilghabuha dawn is-snin kollha u qatt ma stajt naqbad tarf.

ANTON:- Il-loghba tac-chess hija loghba ta' tahbil il-mohh. Wiehed irid juri certa hila u pacenzja ghaliha.

LURETA:- Zewg virtujiet li huma neqsin fija.

ANTON:- Aghti daqqa t'ghajn l-hawn. Il-bierah waqafna f'din il-mossa. Issa jmiss lilu li jilghab. Hu se johodli lil isqof u wara, jien, nohodlu lir-regina. B'hekk is-sur Philip jitlef zgur.

LURETA:- (Tilghab bil-gizirana li ghandha mndendla f'ghonqha) Dan ifisser li kull min jitlef ir-regina jitlef kollox?

ANTON:- Mhux ezatt hekk. Imma aktarx iva milli le.

LURETA:- Ma narax ghala ghandu jkun hekk. Mhux l-ewwel darba li smajna b'xi mewt ta' xi regina, imma dak inhar stess jaghmlu ohra.

ANTON:- Dik hag'ohra, Lureta. Din tac-chess hija loghba u xejn aktar.

LURETA:- Huwa l-hajja mhix loghba? Biex nghixu ma rridux nuru certa hila u hafna drabi niehdu pacenzja wkoll?

ANTON:- Lanqas int stess ma taf kemm qed tghid sewwa. Konna nghixu hafna ahjar keiku kulhadd kellu jhaddan din il-filosofija.

LURETA:- (Tkemmex mohha) Filosofija, sur Anton?

ANTON:- Tinhasadx, Lureta. Filosofija hija kelma ftit u xejn tqila ghal min mhux midhla ta' certi kotba. B'dana kollu l-kelma filosofija ma tfisser xejn ghajr ragunar.

LURETA:- (Fehmet inqas minn qabel) Ragunar???

ANTON:- Daqshekk hu! Ragunar li jwassalna biex nifhmu dawk il-hwejjeg li ma nkunux nistghu nifhmu ghaliex ikunu misteru ghalina. Jew li ma jkunu misteru xejn izda xorta wahda ma nkunux nistghu nifmuhom. Fejn jidhlu l-misteri mhaghad tidhol it-teologija...

LURETA:- Skuzani sur Anton, nghidlek is-sewwa dalghodu ghadni lanqas hadt kafe u nhossni xi ftit sturduta. Int donnok li bi kliemek se tkompli tistordini.

ANTON:- Eq, eq, Lureta. Qatt m'ghandek taghmel hekk. Li wiehed jipprova jifhem u jitghallem xi haga gdida hu ta' min ifahhru. Imma li wiehed jaqta' qalbu li jifhem dak li ma jistax jifhem, hija djufija.

LURETA:- U iva, jien issa kull wahda bi tnejn. Is-snin ghamlu wisq bija. Ikun kollu zmien mitluf li noqghod nintilef fuq ftietaq li ma jiswewli xejn.

ANTON:- Int tghid hekk. Ghadek ma tafx kemm tista' taghmel gid.

LURETA:- Bil-fisolofija?

ANTON:- Mela xinhu? Imma issa ahjar immur.

LURETA:- Ahjar.

ANTON:- (Jerga lura lejn ic-chess) Wara kollox nirbahlu llum jew nirbahlu ghada ma jaghmilx differenza. L-aqwa li nirbahlu. Issa ilna fuq hmistax il-sena nilghabu c-chess. Qatt ma rnexxieli nirbahlu loghba f'dan is-zmien kollu. Imma din id-darba nirbahlu zgur.

LURETA:- (Ticcajta) Biss trid tistenna s'ghada.

ANTON:- B'daqshekk? Din ser tkun l-ewwel rebha tieghi u rrid niccelebraha bil-kbir.

LURETA:- Mela ghada xampanja nixorbu, sur Anton?

ANTON:- Li kien minn ghalija ilhi li xrobtha x-xampanja, tiftakar Lureta?

LURETA:- (Misthija) Dak kien zmien iehor, sur Anton.
[illegible], ma [illegible] ghalija.

ANTON:- Imma inti ma ritx, Pacenzja. Intant, sahha Lureta.

LURETA:- (Thares lejh donnha me fehmitux sewwa) Kif?

P. Pawl:-(Jintebah li zelaq) Ghidli da zgur li ghadu haj kieku kif irid jarani. Ahna fl-istates ma tantx nib ghu niftakru f'dawk li nkunu hallejna warajna. Hemmhekk il-hajja hija xort'ohra minn hawn. Mghaggla wisq il-hajja hemmhekk. U jekk ma zzommx pass mghaggel tibqa lura u tispicca wahdek, jekk tifhem xi rrid nghid.

LURETA:- Mela ghalija mhix tajba zgur ghax jiena b'xejn sirt naqta' nifsi.

P. Pawl:-(Jiftahar imma mhux esagerat) Imma l-Amerka hija art sabieha. Sinjura u ta' kobor li ma jispicca qatt. Kull ma tixtieq issib hemmhekk.

LURETA:- (Biex turi li taparsi qed tifhem) Basta tghaggel il-pass.

P. Pawl:-(Imur biex jiftah it-tieqa) Din ir-riha ta' eghluq qed idgardarni. Ser niftah it-tieqa.

LURETA:- (Imwerwra) Le le, sur Pietru Pawl, tiftahiex dik it-tieqa...ghax...ghax jidhol hafna trab.

P. PAWL:-Jidhol it-trab meta l-lejl kollu ~~nieżel~~ Ngatter x-xita?

LURETA:- (Mifxula tipprova ssib skuza) Ghax...ghax hawn Ghawdex malajr jinxef l-ilma tax-xita. Hawn mhux bhal l-Amerka ...hawn hawn...kif naqbad nghid?...Tiftahiex dik it-tieqa, trid?

P. PAWL:-(Skantat) Lureta, tidher imwerwra.

LURETA:- (Tisforza) Imwerwra? Jien? (Tidhaq) Imwerwra biex?

P. PAWL:-Hekk...kif ghidtlek li ser niftah it-tieqa dehrli li... ma nafx kif rajtek. Sirt minn kull kulur u qeghda tirtghod bhal wiehed li jkollu deni ta' ziemel.

LURETA:- (Tipprova tevita' aktar mistoqsijiet) Halli mmur ingiblek il-kafe. Int kuccarina wahda tiehu zokkor?

P. PAWL:-Lureta, f'din id-dar ghaddej xi haga.

LURETA:- X'int tahseb, sur Pietru Pawl?

P. PAWL:-Hallik minn sur Pietru Pawl; sejjahli Peter u bizzejjed. Lanqas ilhaqt wasalt il-bierah li ma bdejtx nithasseb. Konna ghadna l-airport. Lil hija ma nafx kif rajtu. Serju wisq. Ma nafux hekk. Ikolli nghid li ma tantx ha gost bil-migja tieghi.

LURETA:- X'int tghid sur Piet Peter?

P. PAWL:-Naf x'qed nghid. Lil Marta u lil Gorg ukoll ma nafx kif rajthom. Gorg b'harsa cassa ghajjiena u Marta titbissem sfurzat. Donnu li taht dik it-tbissima hemm xi haga serja mohbija.

LURETA:- (Dejjem trid issib skuza) U ghax...ghax dawk lilek lanqas biss jafuk. Qatt ma rawk ghajr fl-itratti. Taf x'ghors kienu jaghmlu meta kienu jircievu xi ritratt minn tieghek? U lanqas int stess ma' taf.

P. PAWL:-(Jaf li trid iddawwar il-kliem) Ahna u telghin mix-xatt tal-lejl kwazi f'kull tieqa kien hemm is-sigra tal-milied tixghel. U fejn ma kienx hemm is-sigra kien hemm il-presepju jew il-bambin.

LURETA:- (Mahsudha) Xxxx. Iskot, sur Peter. Iskot jekk joghgbok.

P. PAWL:-Miskot ghax semmejt il-presepju u l-bambin?

LURETA:- Taqlax inkwiet. Bizzejjed ghaddejna minn inkwiet.

P. PAWL:-X'inkwiet hu li qeghda ssemmi?

LURETA:- (Tintebah li tkellmet izzejjed) Inkwiet? Dan x' inkwiet hu li qed issemmi? Jien ma semmejtx inkwiet. Halli mmur naghmillek il-kafe. Jew te tiehu int? Fl-Amerka x'tiehdu?

P. PAWL:- Xi haga ghaddejja, zgur f'din id-dar. U xi haga serja. Malli jqum Philip, nistaqsih.

LURETA:- Le tafx. Ara ma jfettillekx. Tiftahx grichi. Xi darba nghidlek kollox. Imma lilu tghidlu xejn. Ghadek ma tafx minn xiex ghadda. Tergax tqajjem mejtin minn qabarhom.

P. PAWL:- Qeghda tghid ghal Rita?

LURETA:- Dik kienet mara qaddis...(izomm halqha biex il-kelma qaddisa ma tohrogx kollha)

P. PAWL:- Alla jahfrilha.

LURETA:- Iskot, sur ~~Fxxx~~ Peter. (Bil-hniena) Zgur jiena nehel jekk isir jaf b'xi haga.

P. PAWL:- Qed tghid hafna kliem bla sens.

LURETA:- (Tkompli mieghu) Jien mhux hekk? Hekk hu, minn ftit taz-zmien il-hawn hekk sirt jiena. Nitkellem wahdi, nidhaq wahdi (tidhaq sfurzat) nibki wahdi. Insomma, kollox naghmel wahdi. U ghax meta nikbru hekk insiru. Il-vini jirqaqu u ddemm ma jkunx jiflah jippompja ossigenu. ~~fikxxxkk~~ F'hekk il-mohh jiddghajjef u tispicca r-raguni. Il-filosofija mbaghad harbtitni wahda nobis. "Jekk trid tifhem dak li ma tistax tifhem"..Halli mmur ingiblek il-kafe, ara. (Titlaq mghaggla mix-xellug biex tfittex teheles minnu)

P. PAWL:- (JIbqa mbellah ihares lejha. Imbaghad idur, ihares lejn it-tieqa. Jersaq lejha. Ikun se jiftaghha izda jerga' jibdhielu u deciz jitlaq mill-istess bib li jkun dahal minnu.)

<u>Xena 3.</u> Iccempel il-qampiena tal-bieb ta' Barra. Pawsa zghira. Lureta tidher mix-xellug b' gabarre bil-kafe, kikkra etc. (Qampiena terga' ccempel. Lureta thalli kollox fuq mejda u tmur tiftah minn nofs lemin) Bil-mod ghax ser tqajjem id-dar kollha.

Xena 4. (Lureta flimkien ma' Alex)

LURETA:- Mela lili ma temminix? Ghadu ma qamx.

ALEX:- (B'arja ta' wiehed kiesah) Dan x'kien?

LURETA:- (Qed idejjaqha) Ghax dal-lejl dam ma' raqad.

ALEX:- Iva bilhaqq. Gie zijuh, jew?

LURETA:- (Bla pacenzja) Gie.

ALEX:- Xi wiehed buzbetku, jew?

LURETA:- (Titlef il-pacenzja) Lilek x'jinteressak?

ALEX:- Billi qed nistaqsi?

LURETA:- Ma nafx!

ALEX:- Lureta, int donnok li m'ghandekx grazzja mieghi.

LURETA:- (Ta' zaqqha f'fommha) U qatt ma kelli latrid taf ha.

ALEX:- Xiha znagata.

LURETA:- Znagata ommok u r-razza u r-radika kollha li ghandek.

Xena 5. ( Jidher Gorg minn nofs xellug)

GORG:- (Liębes il-pygama. Nixra ta' wiehed ghajjien) Kollox sew, Lureta. Mur kompli.

LURETA:- (Tgerger) L-iehor fejn mar, issa. Ser noqghod nigri bil-kafe warajh. (Tiehu l-gabarre) Lil dan kien jonqosni, tarax. (Titlaq xellug)

GORG:- Halliha trid? Kull darba li tidhol hawn tara x' tghidilha biex taqbad maghha.

ALEX:- Mhux hi ma tis tax tarani. Qisha rat ix-xitan?

GORG:- Gibtli jew ma gibtlix?

ALEX:- Ma jridx jaghtini.

GORG:- Ghala?

ALEX:- Irid tlett mitt lira.

GORG:- Ta' xiex?

ALEX:- Ma' nafx, imma hekk qalli.

GORG:- Mhux dejjem hallast?

ALEX:- Imma issa jrid tlett mitt lira. U f'daqqa jridhom.

GORG:- Minfejn tridni ngibhom?

ALEX:- Lili qed tistaqsi?

GORG:- Mur u erga' kellmu.

ALEX:- Ghalxejn.

GORG:- Forsi tipperswadih.

ALEX:- Daqs kemm irnexxhielek tipperswadi lil ohtok int.

GORG:- Dik hag'ohra.

ALEX:- Kull qalb trid ohra. Hekk nismaghhom ighidu.

GORG:- Xi tridni naghmel? Immur naqbadham minn ghonqha?

ALEX:- Dan biex nohrog maghha biss, tafx.

GORG:- Ma tridx.

ALEX:- Mela ara x'ser taghmel. Daqshekk thabatlek ghac-cejca.

GORG:- Se tirrikattani issa?

ALEX:- Jekk trid aqlghali tlett mitt lira. Ciaw. (Ikun sejjer)

GORG:- Stenna ftit.

ALEX:- Habbat bieb iehor. (jitlaq)

Xena 6. (Marta minn nofs xellug. Ghandha tnejn u ghoxrin sena, sentejn izghar minn Gorg. Liebsa pulit izda xejn tlellix)

MARTA:- (Lil Gorg) Mela mintix sejjer ghax-xoghol, illum?

GORG:- (Indifferenti) Jinteressak li tkun taf?

MARTA:- Staqsejtek biss.

GORG:- (Bla pacenzja) Imma ghax jinteressak.

MARTA:- (Biex ma taqlax inkwiet) Ahjar ma nkellmek xejn, dalghodu.

GORG:- Taghmilli pjacir.

MARTA:- Iz-ziju nizel minn fuq?

GORG:- Qed tarah hawn?

MARTA:- Imma hareg?

GORG:- Kellu bzonn johrog u ma' jergax jigi lura. Fil-ftit sighat li ilu hawn, qalghali l-istonku tieghi. Illief jiftahar b'dak li ra u ghamel kemm dam l-Amerka m' ghamilx. U dawk dwal...u t-toroq xi nghidu ghalihom? ma jispiccaw qatt. Ilabini mbaghad...imiss mas-shab. Ftahir, ftahir biss. X'gie jaghmel l-hawn? Ghax ma baqax fejn kien?

MARTA:- Int gralek xi haga?

GORG:- Ma nafx.

MARTA:- Dan xinhu jtik dal-ghodu?

GORG:- Jekk qed indejjqek, itlaq. Hadd ma baghat ghalik.

MARTA:- (Tiehdu bit-tajjeb) Gorg, Gorg.

GORG:- (Jimitaha) Gorg, Gorg. U aqtaghha!

MARTA:- Issa ma nitlaqx minn hawn qabel ma tghidli x'garalek.

GORG:- Imhabba fik Alex bilkemm ghadu jkellimni.

MARTA:- Ga ghidtlek drabi ohra. M'ghandi ebda hsieb ta' zwieg.

GORG:- Imkabbra int, dak li int. U m'ghandekx biex.

MARTA:- U kieku kelli nasal biex nizzewweg ma kontx se nhalli lilek issibli r-ragel.

GORG:- Halli naraw meta jfettilli nghid kollox lill-papa.

MARTA:- (Imhassba u inkwetata) Xi trid tghidlu lill-papa?

GORG:- U xejn xi tridni nghidlu. Mohhi ghandu dak.

MARTA:- Mela ghaliex qed titkellem hekk?

GORG:- Qisni m'ghidtlek xejn. U jekk trid tkellmu lil Alex kellmu u jekk ma tridx aghmel li joghgbok. U issa hallini ghax m'ghandix aptit inparla izjed.

MARTA:- Ghidli xi gralek, Gorg. Ghandi mnejn inkun nista' nghinek.

GORG:- Li grali ma jista' jirrangahuli hadd.

MARTA:- Lanqas il-papa?

GORG:- Dak l-inqas wiehed li jista' jghini. Ga ghidtlek li dak ghandu l-problemi tieghu. Mohhi ghandu.

MARTA:- Forsi jkun jista' jaghtik parir.

GORG:- Il-parir tahuli hmistax il-sena ilu; dak inhar li mietet il-mama.

MARTA:- Hmistax il-sena ilu il-papa dahal fi problema.

GORG:- U wara dawn is-snin kollha ghadu ma halliex din il-problema.

MARTA:- Il-papa ghandu bzonn lil xi hadd li jkun jista' jghinu.

GORG:- Hemm ahna; ghidtha int stess 'ghandu bzonn l-ghajnuna' mela kif jista' jghin lili.

MARTA:- Naf wihed li jista' jghinek. Nassigurak li hu espert fil-problemi li ghandek int.

GORG:- (Mahsud) Int fejn taf xinhuma l-problemi tieghi?

MARTA:- Tridni nghid lil Lureta ggiblek il-kafe?

GORG:- Min qallek? Alex?

MARTA:- Zgur li ma tridnix immur nghidilha ggiblek il-kafe?

GORG:- Alex. Zgur Alex qallek. Dak il-bniedem se jghallini.

MARTA:- Mela x'hin trid idhol int ghall-kafe. (Titlaq mofs lemin)

GORG:- (Bhal wiehed imhasseb jimxi ftit ghall warajha, imbaghad jintefa' bil-qeghda fuq pultruna)

Xena 7. (Jidhol Pietru Pawl minn nofs xellug)

P. PAWL:- Ga qomt, Gorg?

GORG:- Hawn int, zi. Lilek ghandi bzonn. Kont qed nistenniek.

P. PAWL:- Jiena wkoll xtaqt nghidlek xi haga.

GORG:- Nibda jien?

P. PAWL:- Ghid, ghid.

GORG:- Zi, ghandi bzonn tlett mitt lira.

P. PAWL:- Ticcajta.

GORG:- Aktar kont inkun qed niccajta kieku ghidtlek "Hawn zi, ghandi tlett mitt lira ghalik"

P. PAWL:- Int m'ghandek bzonn titlobhom lili tlett mitt lira. Il-papa mhux se jghidlek le.

GORG:- Ighidu li l-Amerikani jarmuhom. Giddibin.

P. PAWL:- Ghax ghandhom jaghtu flushom bl-addocc? Jaqaw il-papa cahad li jaghtik il-flus li trid?

GORG:- Lil dak m'ghidtlu xejn ghax joqghod jigi b'hafna paroli. Ikun irid jaf ghalfejn irridhom u kif u x'fatta.

P. PAWL:- Ghidlu l-verita'.

P. PAWL:- U tghid mhux se mmur nghidlu li rridhom biex inhallas xi dejn li ghandi.

P. PAWL:- Dejn?

GORG:- Imhabba xi injezzjonijiet. U issa tard wisq biex nieqaf nohodhom. Ma nistax nghaddi minghajrhom.

P. PAWL:- Hekk ighidu.

GORG:- L-aktar meta tkun tinnegozja fi hwejjeg li n-nies ifittxuhom hafna.

P. PAWL:- Mhux hekk?

GORG:- Id-drogi mfittxija hafna fl-Amerka.

P. PAWL:- (Kalm) Qatt ma hmilthom.

GORG:- Ha ha, haj. Kemm hu fidil iz-ziju ta' l-Amerka. Meta kont ghadni nitfa ta' tifel kont niftahar li ghandi ziju l-Amerka. Hawn F'Ghawdex li wiehed ikollu ziju l-Amerka hija haga hekk...haga ta' min jiftahar biha. Kont ghadni zghir hafna. Ghaxar snin kelli? Allura ta' tifel li kont kont niftahar bik. Biz-ziju ta' l-Amerka. U kull darba li kont insemmik ma shabi erhilhom lil dawk jistghagbu b'halqhom miftuh jisimghu dak li kont nohlom jien dwarek u dwar l-Amerka tieghek. U z-zmien ghadda. U shabi donnhom li dak il-ftahir li kont niftahar jien ma nsewh qatt. Kont impressjonajthom, tarax. U darba wiehed minn dawn il-hbieb gie jfittixni b'gazzetta f'idu. Gazzetta Amerikana kienet. Ic-Chicago News. Int f'Chicago kont tghix hux zi? Mela taf ghall liema gazzetta qed nghid. Fiha kien hemm ritratt ta' wiehed Ghawdxi li kien qieghed jigi mixli bi traffikar ta' drogi.

P. PAWL:- Kien zball! Kienu akkuzawni bi zball. Tant hu hekk li kont hrigt illiberat mill-qorti. Ma kellomx provi kontra tieghi.

GORG:- Li hrigt illiberat ma jghodd xejn. Dak il-habib bil-gazzetta f'idu qalli "Isma', intom mhux Formosa Gatt? Dan jigi minnkom? U hemm stampat fit-tieni faccata kien hemm ir-ritratt tieghek diehel il il-qorti mmanettjat bejn zewg pulizija. Jien ghamilt kemm stajt biex nichad li kont nigi minnek, imma

bejn il-ftahir li kont niftahar bik meta kont ghadni zghir u bejn li f'Ghawdex il-kunjom Formosa Qatt jappartieni lill-familja taghna biss, kelli niblaghha.

P. PAWL:- B'daqshekk m'int tghid xejn. Ga ghidtlek li kont illiberat.

GORG:- Ghax ma kienx hemm provi bizzejjed?

P. PAWL:- L-importanti li helsuni.

GORG:- Ghax kellek avukat tajjeb?

P. PAWL:- Ghax ma sabunix hati.

GORG:- Mhux kull min ma jinstabx hati huwa nnocenti. Nismaghhom ighidu li dawk li hemm maqfulin wara l-bibien tal-hadid aktarx li jinsabu hemm ghax xortihom hazina. Il-kriminali jiggerrew barra ssibhom.

P. PAWL:- Nahliflek li ma kontx hati.

GORG:- L-aktar haga irhisha - il-half.

P. PAWL:- Imma int sewwa sew xi trid minni?

GORG:- Xejn. Semplicement ma rridekx tahseb li jien xi beccun u bija se tghaddi zmien. L-Amerka qatt ma kont jien. Imma tinsiex li jiena Ghawdxi, bhalek. Ighidu li ahna l-Ghawdxin...jilhqilna. Mhux dik il-kelma ezatta. Imma biex inkunu edukati bhal Maltin - minghalihom - nghidu jilhqilna.

P. PAWL:- Ghadek m'ghidtlix xi trid.

GORG:- Ftit ilu nhsadt ghax ghidtlek li jiena niblaghhom. Bil-kemm ma tridx tmur tugzani lill-missieri. U jekk qed niblaghhom mhux tort ta' min hu bhalek? Tmexxuhom, timlew bwietkom bil-liri...le stenna, mhux bil-liri, imma bid-dollars. Timlew bwietkom bid-dollars imbaghad

tigu lurahawn u tibdew tir-akuntaw hafna stejjer u tiskruplaw jekk tisimghu li xi hadd hawn f'Ghawdex qieghed jiblaghhom. Qisu li ahna l-Ghawdxin u l-Maltin m'ghandniex dritt nimxu fuq il-passi ta' zghazagh ohra, imqar jekk dawn kienu Amerikani jew suwed mill-qalbha tal-gungla Afrikana.

P. PAWL:- Gorg, int mintix f'sensik. Qed thallat hafna affarijit li m'ghandhom x'jaqsmu xejn. Jaqaw...

GORG:- U iva, ghadni kemm hadt wahda - titqiba - (Johrog labra tal-injezzjonijiet mill-but tad-dressing gown) Hawn ara, ghadni kemm hadt tingiza. Billi m'ghandniex toroq kbar u siesghin hawn f'Ghawdex. U billi l-bini li ghandna fil-bicca l-kbira tieghu ma jaqbizx iz-zewg sulari, ara ma tahsibx li bqajna lura. L-anqas dwal daqs l-Amerikani m'ghandna ahna - ghalkemm il-fanal ta' Gurdan jghammixhomlok ghajnejk. Imbaghad dan id-dawl x'nambuh? Fid-dlam nimxu ahjar. Hekk irraguna missieri. Ried ihallini fid-dlam u minn ghandu l-hila, isibha hu t-triq. U issa se nhallik ghax ghalkemm ghadni nqum, xorta wahda ghadni bi nghas. Ciaw, zi. (JIMXI LEJN in-nofs. Jieqaf) Bilhaqq, ghx m'ghidtlekx? Dik il-gazzetta li semmej-tlek ghadha ghandi. Missieri ma jafx biha. Nittama li ma jkollix ghalfejn nurihielu. Jekk togghod bil-ghaqal xi darba naghtihielek. (Jitlaq nofs xellug)

P. PAWL:- (Imbellah jintelaq fuq pultruna jahseb)

Xena 8. Jidhol Philip. Bixra stramba. Liebes ghal hrug. Qrib is-sittin sena.)

PHILIP:- (Jersaq lejn il-bieb xellug) Lureta, tista' ggibli l-kafe. (Idur lejn P. Pawl) Hadt kafe, int?

P. PAWL:- (Ghadu mitluf jahseb) Kif? Kif?

PHILIP:- Staqsejtek jekk hadtx kafe.

P. PAWL:- Iva, iva, hadt. Coc le, m'ghandix aptit ghall issa.

PHILIP:- Jaqaw ma rqadtx tajjeb dal-lejl?

P. PAWL:- U ma tafx int kif jigri. Bejn li ghamilt kwazi erbgha u ghoxrin siegha nivvjagga u bejn il-herqa li kelli narakom...donnu...hekk...ma stajtx naghlaq ghajn m' ghajn.

PHILIP:- (Jersaq lejn ic-chess) Dejjem hekk jigri meta tibdel il-lok ta' l-irqad.

P. PAWL:- Hekku, hekku, il-lejla norqod ahjar - nittama.

PHILIP:- Ser toqghod hawn?

P. PAWL:- Ghaliex? Ma nistax noqghod hawn?

PHILIP:- Da zgur li tista'. Ghodd ruhek li qieghed f'darek.

P. PAWL:- Jimporta jekk niftah it-tieqa? Hawn wisq foga. Ir-riha tat-tabakk tistordini.

P. PAWL:- Pietru Pawl, dik it-tieqa ilha ma tinfetah hmistax il sena. Daqshekk ilha mejta.

P. PAWL:- Qed tghid ghal Rita?

PHILIP:- Mhux lilha biss kelli?

P. PAWL:- Imma issa ghaddew hmistax-il sena u...

PHILIP:- Insisni insejtha, tghid int.

P. PAWL:- Mhux ezatt hekk.

PHILIP:- Mela kif?

<u>Xena 9</u>. (Tidhol Lureta bil-kafe)

LURETA:- (Mix-xellug) Hawn il-kafe, sur Philip.

PHILIP:- Qieghdu hemm.

LURETA:- (Tqieghed il-kafe fuq il-mejda) Xi kwarta ilu gie s-sur Anton.

PHILIP:- Smajtu. Ma nziltx apposta.

LURETA:- Mela m'ghandekx aptit tilghab, illum?

PHILIP:- Ghal kuntrarju; ser nintefa' quddiem ic-chess u ma ninqalax minn quddiemu qabel ma nsib mezz kif insalva lir-regina.

LURETA:- Imma s-sur Anton qal li r-regina se johodhielek zgur.

PHILIP:- Mhux jekk jirnexxili nohrog mill-qaghda li gejt fiha.

LURETA:- Minjaf kieku tipprova l-filosofija?

PHILIP:- (Jaqla ghajnejh minn fuq il-board u jhares fitt lejn Lureta) Din minfejn gibtha, Lureta?

LURETA:- Hekk qal is-sur Anton.

P. PAWL:- Lureta wkoll ma rieditx tiftaghha t-tieqa.

PHILIP:- (Iharas lejhom bl-ikreh u jitlaq mghagg el)

P. PAWL:- X'gara?

LURETA:- Tiehux ghalik, tafx. Imma int ghandek ilsienek ftit. u xejn twil. Ma taghmilx hazin jekk taqtaghlu bicca.

P. PAWL:- Ghax semmejt it-tieqa?

LURETA:- Minn kemm ilha li mietet hi dik it-tieqa ma nfethet qatt. Int ma tafx x'ghamel dak inhar. Kien ghad ghandha tlettin sena. Warda ghadha fil-ftuh taghha.

P. PAWL:- Imma xinhu l-iskop li jhalli t-tieqa maghluqa?

LURETA:- Mur ghidlu. Hekk irid. Jiena bhalek naraha hmerija. Imma hu jikkmanda hawn gew.

P. PAWL:- Kultant nasal biex nahseb li hija mhux normali.

LURETA:- Mela x'kont tghid kieku rajtu dak inhar li mietet is-sinjura Rita. Inghalaq f'din il-kamra wahdu. Ma ried jara lil hadd. Ghall-ewwel beda jibki kemm jiflah. Imbaghad beda jitkellem wahdu. Jahlef li f'din id-dar il-kelma religjon ma tissemma qatt aktar. Kollox smajtu allavolja bdejt insodd widnejja halli ma nismax dawk l-erezijiet. La religjon, la knejjes, la qassisin, insomma, xejn.

P. PAWL:- Kif inhi din?

LURETA:- U x-xjaten kemm ghandi lsieni twil. Ghalxejn qalli li ma jridni nsemmi xejn minn dak li gara dak inhar.

P. PAWL:- Imma jien huh, ghandi dritt li nkun naf x'gara,

LURETA:- M'ghandek dritt xejn. U ma jien ser nghidlek xejn. Haga wahda nghidlek jien; ara ma jfettillekx issemmi xi knejjes jew xi haga li ghandha x'taqsam ma' twemmin ghax kull ma jkollu f'idu jwaddabulek ghal rasek.

P. PAWL:- Imma dan ghandu bzonn jara tabib.

LURETA:- Jiena nahseb li int ikollok tarah it-tabib jekk issemmi xi haga; bhal ma grali jien. Ghandi xofa. Qed tarah dan il-farrett li ghandi hawn? (Tikxef ftit xaghar minn fuq mohha) Dak qieghed hemm biex ifakkarni li m'ghandix inkun ilsieni twil.

P. PAWL:- Dak kif?

LURETA:- Kont qeghda fil-gnien inhawwel erba' xtieli tal-gizi u kif kont qed naghti bl-imghazqa nizloq u li kieku ma qabadnix minn drieghi hu li nzerta kien

tieghi, kieku kont nibqa tal-post. Kull m'ghidtlu "Il-bambin ried li zammejtni fil-waqt" Ma kienx Bambin li semmejt. Imbuttani ma l-art b'kemm kellu sahha u qalli "Ghidtlekk kemm il-darba biex kliem bhal dan ma ssemmiehx hawn gew" Bit-tisbita li hadt ma l-art hbat rasi ma gebla u fteht halq daqsiex fuq rasi. Tghidx kemm dam hiereg demm.

P. PAWL:- Ghax semmejt il-kelma 'bambin.'

LURETA:- U lit-tfal hekk rabbihom. Qatt ma kellimhom fuq twemmin, la nisrani u lanqas mewmettan. Kulhadd jaghzel u jaghmel li jrid. Nasra. Ghax ahna, hux, ilkoll twelidna f'din l-art imbierka.

P. PAWL:- Int qatt ma ppruvajt tkellimhom fuq ir-religjon lit-tfal?

LURETA:- Heq...heq...ma nafx. Isma' hej, int trid taf wisq.

P. PAWL:- Lureta, jekk int tassew tirrispetta lil hija u lil-uliedhu jehtieg li tghinu.

LURETA:- Mela ma' tafx xi priedka ghamilli? Hux ma ghidltek? Qalli...(timitah) "Lureta, qis li lit-tfal ma tkellimhom qatt fuq religjon. Min hadli lil ommhom hekk f'qasir il-ghomor m'ghandu ebda jedd li jkun midhla ta' dari" Meta niftakar fih dan il-kliem xxx gismi jqumli xewk xewk. Dak il-hin xtaqt insodd widnejja biex ma nismax dak il-half. Dzajt li kienet ser taghmel xi sajjetta u tahraqna lkoll fejn konna.

P. PAWL:- Din bicca tassew serja.

LURETA:- U ara ma jfettillekx tiftah dik it-tieqa ghax minnha jwaddbek ghal isfel. Hekk kien qalli xxx b' lehen li jwahhax.

P.PAWL:- Din il-bicca ma nistax nifhimha.

LURETA:- Lanqas jien ma stajt nifhimha ghall-ewwel. Biss wara kont intbaht ghaliex. Kif tiftahha dik it-tieqa li taghti ghat-triq, quddiemha sewwa sewwa hemm nicca tal-accjomu...(Kwazi tibki) ghalhekk ma jridx jiftaha t-tieqa. Hemm haqa ~~xhx~~ aghar minn hekk? Min ser jahfirlu x'wahdadin. Il-mibgheda li ghandu f'qalbu ma titwemminix. U f'din id-dar waqghet is sahta.

P. RAWN:- Le le, imma issa li qieghed hawn inkellmu zgur, jigri li jrid.

LURETA:- Kellmu kellmu. Imma ara li ma tizloqloqx xi kelma dwari. Ara ma ssemmix ismi ghax tghidx x'jaghmilli. Kellmu, kellmu.

(Xena 10. Philip min-nofs xellug)

PHILIP:- X'ghandu xi jghidli, Lureta?

LURETA:- (Imwerwra) Ighidlek?...ighidlek min?...E, iva jghidlek fuq...fuq il-filosofija. Tirraguna biex tifhem jew tifhem biex tirraguna...hux hekk sur Pietru Pawl? Filosofija...teologija u misteri. Ippermettuli ghax ghandi oqghda hawn fuq l-istonku tieghi u msarni tghidx xi jgorru. (tmiss kemm kemm zaqqha) Fil.. filosofija, sur Philip? (Titlaq mghaggla mix-xellug)

THIEM L-EWWEL ATT.

XENA: L-ISTESS BHAL TA' L-EWWEL

Xena 11. (Philip quddiem ic-chess jistudja l-mossa li jmiss bla ma jitharrek. Pietru Pawl fuq pultruna jaqra ktieb u Gorg fuq pultruna ohra jixrob il-kafe.)

PHILIP:- (Iqum b'salt b'sinjal ta' rebha) Hawn hi! Din hi l-mossa. Sa fl-ahhar irnexxieli nsibha. ~~Pietru Pawl~~ Anton ta' qalbi, huwa veru li ser nitlef lir-regina, imma r-rebha xorta wahda ser tkun tieghi.

P. PAWL:- Irnexxielek issolviha?

PHILIP:- Meta wiehed ma jaghtix ruhu b'mirbuh u jkompli jistinka u jiggieled, jasal zgur. Harsu ftit, wara li johodli lir-regina, jiena mmexxi t-torri l-hawn u r-re ta' Anton ma jkunx jista' jiccaqlaq. B'hekk ir-rebha tkun tieghi.

P. PAWL:- U int ma tkun tlift qatt.

PHILIP:- Qatt. Kultant nithassru lil Anton. Xi drabi tigini t-tentazzjoni li nhallilhu xi wahda ghad-dejja; imma mbaghad nghid, ghax ghandi naghmel hekk! Anton aktarx jilghab biex jghaddi z-zmien u ma tantx ihobb ihabbel rasu. Jitfaghha kif gie gie.

GORG:- (Ironiku jqum u jkun hiereg) Nifrahlek, papa.

PHILIP:- (Bla ma jaqla ghajnejh minn fuq il-board) Stenna ftit, Gorg. Minnu li tlabt liz-ziju Pietru Pawl biex jisilfek tlett mitt lira?

GORG:- (Jinhasad. Ihares lejn P. Pawl bhal speci jrid jghidlu: "Spjunajtli?" P. Pawl minn naha tieghu idawwar rasu l-hawn u l-hinn biex ighidlu "Le")

PHILIP:- (Iqajjem rasu minn fuq il-board) Ghadek ma weġibtnix.

P. Pawl:- (Jipprova jahbi) Din xi cajta, jew?

PHILIP:- Jekk ma jinpurtax halli lilu jwiegeb, Pietru Pawl. Lilu staqsejt. Gorg, veru jew mhux veru?

GORG:- (Rizolut) Iva, veru.

P. PAWL:- (Iqum. Jintebah li gejja xi wahda)

PHILIP:- Ghal fejn tridhom dawn il-flus?

GORG:- Trid taf il-verita?

PHILIP:- Xejn hlief il-verita.

GORG:- Kollha?

PHILIP:- Kollha.

GORG:- Ukoll jekk din il-verita twegga'?

PHILIP:- Xejn ma jista' jweggghani aktar minn dak li ghaddejt minnu zmien ilu.

P. PAWL:- Sa nara ninzilx sad-Dwejra, jien.

PHILIP:- Mhux ghal issa. Tilhaq tinzel id-dwejra.

GORG:- Ghandu mnejn iz-ziju jimbarazza ruhu jisma' dak li ghandi xi nghidlek.

PHILIP:- Ghadek m'ghidlix ghalfejn trid tis ellef dawk il-flu

GORG:- Biex inhallas xi dejn li ghandi. U biex inkun nista' nkompli nghix. Mux kollox ridt taf? Issa ghidtlek.

PHILIP:- Spjega ruhek.

GORG:- M'ghandix ghalfejn. Tkellimt car bizzejjed.

PHILIP:- Imma jien ma fhimtx.

GORG:- Tifhem jew ma tifhimx, xorta wahda ma tistax tghini.

P. PAWL:- (Jipprova jikkalmahom) Philip...Gorg...

PHILIP:- (Bla ma jaghti kaz P. Pawl) Gorg, irrid inkun naf ghalfejn trid dawk il-flus. Lil min ghandek taghti u xi trid tghid 'biex inkun nista' nkompli nghix'

GORG:- Isma', int mhux dejjem hallejtni fil-liberta? Mela hallini nkompli naghmel jien.

PHILIP.- (Jaqbdu minn spallejh) Ghidtlek irrid inkun naf ghalfejn trid dawk il-flus.

GORG:- (Kalm) Mintix se timpressjonani billi twerzaq. Jekk ma rridx nghidlek mintix se ġ ieghlni. (Inehhilu jdejh)

P. PAWL:- (Jidhol f'nofshom) U le, mhux hekk. Ejjew nirragunaw bil-kalma u naslu.

GORG:- Mhux ahjar ma tindahalx bejn il-basla u qoxrittha, zi? Jew, kif tghidu intom fl-Amerka?

PHILIP:- Issa qieghed tkun pastas.

GORG:- Dejjem hallejtni fil-liberta, tinsiex.

PHILIP:- Mhux biex tkun pastas, imma.

GORG:- Mela liberta b'kundizzjoni. Allura ma hi liberta xejn.

PHILIP:- Inkun naf. Inkun naf, zgur. (Jitlaq nofs lemin)

P. PAWL:- Jidhirlek li kellimtu sewwa lill-papa!

GORG:- Diga ghidtlek biex ma tindahalx bejn il-baska u qoxritha lelek. Intom il-kbar ma nafx x'fatta intom. Tridu tindahlu f'kollox; l-aktar fejn nidhlu ahna

z-zghar. Ahna ghalikom ma niswewx karlin. Il-pariri jridu jigu minn ghandkom u ddecizjonijiet tridu tohduhom intom. Tharsu lejn minn fuq siggu gholi gholi u minn dak il-gholi kollu tarawna daqs nemla. Bla sahha, bla sinsla bla mohh. Hekk tarawna intom. Imbaghad jekk tkun ghadek gej mill-Amerka allura xi haga izjed. Ghax gej minn xinkien li hu superjuri ghalina...ghall-inqas hekk tahsbu intom...il-KBAR... il-MATURI.

P. PAWL:- Issa qed tghid il-hmerijiet.

GORG:- Hemm ahna. Frazi ohra biex tkompli turi s-superjorita taghkom u c-cokon taghna. "Qieghed tghid il-hmerijiet" Basta titfghuha l-frazi. Lanqas biss tieqfu tahsbu ftit biex taraw x'raguni ghandu dak iz-zaghzugh jahseb jew jagixxi hekk. X'hemm ghalfejn? La ghandu zaghzuh hmerijiet biss ighid.

P. PAWL:- Ma nafx ghaliexqed tghidli dan kollu. Ghadni bilkemm wasal mill-Amerka...

GORG:- Xandarha fl-ahbarijiet halli kulhadd ikun jaf.

P. PAWL:- (Iffastidjat) Qieghed nara li mieghek mhux ta' min jirraguna.

GORG:- Ghax ghadni zghir, ghadni ma mmaturajtx. U mur ~~[illegible]~~ ghereq, zi. (Jitlaq minn nofs lemin)

P. PAWL:- (Ihares lejn fejn hareg Gorg, imbaghad jinxtehet fuq pultruna kkonfondut)

Xena 12. (Tidhol Marta mix-xellug) ~~[illegible]~~

MARTA:- Kont qeghda nimghakom, zi. Hiskuza ruhi flok hija.

P. PAWL:- U xi trid tiskuza ruhek, int ukoll.

MARTA:- Nahseb li ghali ntbaht li Gorg ghandu problema.

P. PAWL:- Aktar nahseb li jinsab fi krizi.

MARTA:- Il-hasra hi li ma jhalli lil hadd jiftahlu ghajnejh.

P. PAWL:- Kont ghadni lanqas irfist fid-dar li ma ntbahtx li mhux kollox sew hawn gew. Minn dak li smajt s'issa jidher li l-qaghda li qeghdin fiha hija rizultat tal-mewt tal-mama.

MARTA:- Minn dak inhar l-hawn il-papa ma gie qatt f'sensieh.

P. PAWL:- Imma jrid jifhem li kien ohrajn qablu li tilfu s-sichba taghhom meta kienet ghadha fil-fjur ta' hajjitha. U bhal ma gara lilu u lil ohrajn qablu ghad jigri lil ohrajn li jigu warajna. Possibli li haga hekk elementari ma jifhimiex il-papa?

MARTA:- Fuq ghajnejh donnha li waqet dalma li ma hi thallih jara xejn. Imhabba f'hekk anke lili, gabni f'qaghda li ma nafx x'ghandi naghmel. Kultant jghaddili minn mohhi li nitlaq mid-dar u nhalli lil kulhadd jghum fil-gwaj.

P. PAWL:- Hadd ma jlumek jekk taghmel hekk.

MARTA:- Mur ara x'jaghmel kieku ffettilli nghidlu li thajjart inmur nahdem ma' mother Theresa.

P. PAWL:- Soru?

MARTA:- Ghaliex?

P. PAWL:- Jekk din hi x-xewqa tieghek, ghalaq ghajnejk u aghmel dak li jidhirlek li hu l-ahjar.

MARTA:- Mur ara xi storbju jaghmel kieku kelli ntarraflu xi haga.

P. PAWL: -Imma hu halla lil kulhadd fil-liberta.

MARTA:- Ghal papa l-kelma liberta' tfisser li kulhadd jaghmel dak li jghid hu.

P. PAWL:- Tridni nkellmu?

MARTA:- Le, le, zi. Jekk isir jaf x'ghandi f'mohhi zgur Lureta tahbat hazin. Jahseb li hi dahhlicthieli f'rasi din li mmur soru.

P. PAWL:- Imma kemm ser iddum tahbi?

MARTA:- Nistenna u nittama, zi. Nistenna u nittama.

P. PAWL:- Jekk mintix se tiehu azzjoni m'int ser tasal qatt.

MARTA:- Jekk nghidlu b'dak li ghandi f'mohhi, ga ghidtlek, Lureta tlaqqatha.

<u>Xena 13.</u> (Lureta mix-xellug)

LURETA:- X'inlaqqat?

<u>Xena 14.</u> (Philip min-nofs xellug)

PHILIP:- Hawn int Lureta, lilek irrid inkellem.

LURETA:- (Tinhasad) Lili?

PHILIP:- Int ma' kontx sejjer id-Dwejra, Pietru Pawl?

P. PAWL:- (Jintebah li jridu jitlaq) E..iva iva, hemm kont sejjer. Tridx tigi mieghi, Marta?

LURETA:- (Turi li qed tibza tibqa mieghu wehidha) Ahjar tibqa hawn, Marta ghax...ghax...

PHILIP:- Halliha halli tmur mieghu.

LURETA:- Halli mmur ingibilkom il-camera tar-ritratti.

PHILIP:- Ghandu hin jigbidhom l-itratti. Iggiblu xejn.

P. PAWL:- Imxi, Marta. (Jitilqu minn nofs lemin)

LURETA:- (Trid tiskartah) Hiiii, x'wahdadin x'insejt?

PHILIP:- Insejt li nsejt. Issa rrid inkellmek.

LURETA:- Ma nistghux nitkellmu aktar tard?

PHILIP:- (Rizolut) Nitkellmu issa.

LURETA:- Nitkellmu issa mela. (Rassenjatha)

PHILIP:- Kemm ilek hawn, Lureta?

LURETA:- Nofs siegha? Kemm hrigt nixtri u...

PHILIP:- Tippruvax tghaddini biz-zmien. Irrid naf kemm ilek midhla ta' din id-dar.

LURETA:- E dak li trid taf? U int ma tafx kemm ilhi?

PHILIP:- Iva naf. Imma rrid nismaghha minn fommok.

LURETA:- Minn dak inhar li kien miet il-papa tieghek Alla jtih ...(tieqaf f'salt) Daqshekk ilhi hawn.

PHILIP:- (Itiha harsa kerha) Jigifieri lil uliedi rajthom jitwieldu.

LURETA:- (Turi bniena) Imma ghaliex trid terga tiftah il-gerha?

PHILIP:- (Bla ma jaghti kazha) U rajthom jisfaw iltiema.

LURETA:- (Irrasenjata) Iva.

PHILIP:- Int kellek parti sew fit-trobbija tag hhom.

LURETA:- Dejjem ghamilt dak li stajt.

PHILIP:- Kemm il-darba ixxuttajtilhom id-dmugh li ma setatx tixxutalhom ommhom.

LURETA:- (Tkompli mieghu) Ukoll. Ukoll.

PHILIP:- Wiehed jista' jghid li lil uliedi inti tafhom aktar milli nafhom jien.

LURETA:- Nahseb li issa qed tesagera xi ftit.

PHILIP:- (Jahtafha) Naf tajjeb x'qed nghid!

LURETA:- (Rassenjata) Mela kif tghid int.

PHILIP:- Il-problemi taghhom tafhom ukoll.

LURETA:- (Titituba) Insomma,,,nafhom...

PHILIP:- Tafhom!

LURETA:- (Rassenjata) Mela nafhom la trid hekk.

PHILIP:- Mela taf ukoll ir-raguni li ghaliha Gorg irid jissellef tlett mitt lira.

LURETA:- (Mill-ewwel) Le hej, din ma nafiex. Tlett mit lira? Mela dak ghandu bzonn jissellef tlett mitt lira? Int mhux dejjem tajthom dak li riedu?

PHILIP:- Gorg ghandu problema.

LURETA:- Ta' flus?

PHILIP:- Ezatt ta' xiex ma nafx. Imma ghandu problema.

LURETA:- Iva miskin?

PHILIP:- Lureta, tippruvax tilghaba tal-ispirituza mieghi.

LURETA:- Imma lili xi tridni nghidlek?

PHILIP:- Dak kollu li taf.

LURETA:- Imma jien ma naf xejn. Jidhirlek li haga bhal din kont ser nahbiha minnek?

PHILIP:- Int taf, Lureta. (Sod) Taf!

LURETA:- (Iggiblek hniena) Le jahasra ma nafx. Zgur li ma nafx. Kieku mhux ghax tqarbint dalghodu kont nahliflek. Tant ma nafx li meta ghidtli li trid tkellimni hsibtek li trid taf xi haga dwar Marta.

PHILIP:- (Suspettus) X'ghandi nkun naf dwar Marta?

LURETA:- (Mifxula ghall ahhar) Marta?...Xejn. Semmejt lil Marta biex inkun ghidt xi haga. Hi giet f'ilsieni.

PHILIP:- Int qed tigdeb.

LURETA:- Zgur li minix.

PHILIP:- Int giddieba.

LURETA:- Tridni nitlef tqarbina u nahliflek?

PHILIP:- Int xiha zmagata. Tahseb li se tghaddi z-zmien bija. Imma jien naf b'kollox. Naf li inti ksirt il-weghda li ghamiltli hmistax il-sena ilu. Li lil uliedi ma tkellimhom qatt fuq l-ebda twemmin.

LURETA:- Qatt ma ksirta l-weghda li ghamiltlek. Kontra qalbi iva.; imma qatt ~~xx~~ ma kellimtom fuq twemmin.

PHILIP:- Lil Marta ilhi naraha migbura fiha nfusha. Qisha xi wahda li ma tafx il fejn ghandha ddur. Gorg minn naha l-ohra l-arroganza li ghandu, twerwirni. Dawn uliedi? Din hija l-familja tieghi? Xi haga gara. Xi haga marret hazin. X'mar hazin, Lureta?

LURETA:- (Tara li wasal il-waqt li t'attakka) Int taf x'mar

hazin. Da zgur li taf. Imma m'ghandekx kuragg t'ammetti li dak li gara huwa kollu htija ta' l-injoranza li ghandek f'mohhok. Ara ma tahsibx li ser niskuza ruhi, tafx. Hekku, dak li int, injurant. Hsibt li lil uliedek stajt trabbihom minn dak kollu li jfakkarhom f'min halaqhom...

PHILIP:- (Barra minn sensieh) Ieqaf Lureta. Ieqaf!

LURETA:- (tkompli bl-istess herqa bla ma taghti kaz tieghu) Ma rrid nieqaf xejn. Issa la bdejt inkompli. Hmistax il-sena ilhi nigma go fija. Dejjem bzajt nitkellem. Dejjem bzajt narfa' rasi quddiemek biex nghidlek li trieqtek hija zbaljatha. Imma issa li wasalna s'h awn irrid nurik fejn wasslitek din trietek. Fil-bahh. Fid-dlam. Hemm wasslitek. U jekk behsiebek tibqa miexi fiha se ssib ruhek f'hondoq bla qiegh. U ma tintrafa' qatt minnu. (Dejjem izzid) Uliedek trabbew bla gwida. Trabbew ghal rashom. Taf xinhu r-rizultat? Iwerwrek meta ssir taf. Gorg irid il-flus biex ihallas dejnu. Irid il-flus biex ikun jista' jkompli jeqred lilu n-nifsu. Kulhadd jafu dan. Possibli int biss ma tafux? Dak it-tifel se jinqered u se tkun qridtu int. U Marta wkoll qed tinfena. Sahhitha minn dejjem kienet ftit u xejn delikata u int se tkompli d-dghajjifha. Se teqridha wkoll. Trid tilbes kappun f'rasha u mhabba fik ma tistax. Tibza li dak inhar li tghidlek ikun il-bidu tat-tmiem.

PHILIP:- (Fgat) Ieqaf! Ieqaf, Lureta! (Pawsa) Imma ghaliex? Ghaliex? Ma nistax nifhem.

LURETA:- Jekk trid tifhem ipprova l-filosofija. (Tkun sejra. Iccempell il-bieb) U jekk trid mur iftah int ghax jien se naqbad hwejgi u mmur lejn Malta ghand ohti biex zgur ma narakx izjed b'ghajnejja. (Titlaq xellug)

PHILIP:- (Skiet. Terga ccempel il-qampiena. Philip bhal jigi f'tieghu. Jaghti pass lejn il-bieb tan-nofs. Il-qampiena terga ccempel fit-tul. Jibqa sejjer min-nofs lemin.)

Xena 15. (Jidhlu Philip u Anton min-nofs ~~xxxxx~~ lemin)

ANTON:- (Jitkellem waqt li diehel quddiem) Jiena hsibtek li ma tridx tiftahli. (Imur ipoggi quddiem ic-chess) Hawn ara, gibt flixkun xampanja mieghi. Ir-reba rrid niccelebraha bil-kbir bhal ma qaltli Lureta. Oqghod bil-qeghda. Hsibt liena se ccaqlaq? (ifittex fil-bwiet) Isma', sigarri ghandek?

PHILIP:- (Lanqas jaf inhu jghidlu ma jiccaqlaqx)

ANTON:- U ejja tahseb xejn. M'ghandekx minfejn tohrog, Mossa wahda tista' ccaqlaq u r-re tieghek jinzel minn fuq it-tronn minfejn ilu jiddomina ghal dawn l-ahhar hmistax il-sena. Ejja ejja, kun ragel. Ammetti li l-mossa li ghamilt kienet zbaljata u telfitek kollox. (Imur jiftah kexxun mill-iskrivanija) Hawn qeghdin is-sigarri?

PHILIP:- (Bla ma jhares lejh) Jimporta terga' tghaddi darb' ohra?

ANTON:- Ghadek mintix konvint li tlift? Trid tistudja aktar?

PHILIP:- ~~Ghalfejn?~~ Irrid ftit zmien iehor.

ANTON:- Ghalfejn? Ir-regina spiccat. (Isib kaxxa vojta fil-kexxun) Mela spiccaw is-sigarri?

PHILIP:- (Wahdu) Inqerdet f'qasir il-ghomor.

ANTON:- Issa f'qasir il-ghomor jew le, il-fatt jibqa li ~~xxxxx~~ tliftha u maghha tlift kollox.

PHILIP:- (Mitluf) Leeeee. Le. Leeee. (Itajjar ic-chess board minn fuq il-mejda) Leeee....(Jitlaq nofs xellug)

ANTON:- (Imbellah iharres lejn fejn harog)

Xena 16. (Lureta mix-xellug)

LURETA:- (Li tara lil Anton iccassat) Tinhasadx sur Anton. Ilha gejja din il-bicca. Kien mehtieg li l-vulkan jizbroffa xi darba. U zbruffajt jien u zbroffa hu. U ghidtlu dak kollu li gie f'ilsieni. U ccasajtu. Ghax hu dejjem haseb li hadd qatt mhu se jasal biex ikellmu kif ghandu jkellmu. Imma jien kellimtu. U bellahtu. Kemm se ndum nitrieghed quddiemu qisni gurdien ta' l-imramma? Issa bizzejjed. Kont inhossni qisni gremxula quddiemu. Nahrab u nistahba fl-ewwel xaqq li nsib malli narah. Kont nara lili n-nifsi qisni tigiega mkebba f'rokna tistenna li sgikkina thanxrilha ghanqha. Int mhux bhali kont taghmel? U issa ghidtlu li se nitlaq u ma jaranix izjed. U lanqas jekk jigi jitkaxkar quddiemi bhal serp ma nerga' lura minn kelmti.

ANTON:- Jahasra Lureta, semmejtli nofs l-annimali li kien hemm fl-Arka ta' Noe u ghadek m'ghidtlix x'gara.

LURETA:- Ghax il-loghba tac-chess ~~xxxxxx~~ fuq il-mejda biss jilghaba s-sur Philip; hemm biss jistinka u jahseb u jhabbel rasu. Fil-loghba tal-hajja ceda mill-ewwel u waqa' zorba.

ANTON:- X'gara sew, Lureta?

LURETA:- Kont taf int li Gorg kien qieghed jiehu xi drogi? Kont taf int li Marta qed tinfena ghax trid tmur Calcutta u tibza tghidlu?

ANTON:- Possibli?

LURETA:- U ghax int bhalu, Mohhok biss biex tistordi lil isqof, tiekol iz-ziemel, toqtol lir-re u trekken lir-regina. Ghalik bizzejjed tigi tqatta saghtejn hawn u tahraq komm issib sigarri. X'taqa u tqum mill-problemi li ghaddejjin minnhom dawk li joqghodu f'din id-dar.

ANTON:- Ma nafx ghaliex qed tkellimni hekk, Lureta. (iffastidjat)

LURETA:- Ghax hekk inhoss li hu xieraq li ghandi nkellmek. Anke lilu hekk, kellimtu; kif hassejt li hu xieraq. Hemm ahna issa, tajjar kollox minn fuq il-mejda u hu tilef u int bqajt ma rbaht qatt. U jien ser ikolli noqghod nigbor il-bicciet li halla warajh. (Titbaxxa tigbor il-bicciet)

ANTON:- Hsibtek li ser thalli lilu jigborhom hu l-bicciet.

LURETA:- Wahdu ma jaghmel xejn. Ma jasalx. Mhux ghax m'ghandux hila tafx, izda ghax ma jridx. Irid lil min ighinu.

ANTON:- U int ser tghinu.

LURETA:- Hekk xieraq.

ANTON:- U tibqa hawn.

LURETA:- Xi tridni naghel?

ANTON:- Hawguralek Lureta. Bis-sincerita kollha nixtieqek tasal fejn qed tittama li ghad tasal. Sahha Lureta.

LURETA:- Dnub li bqajt ma irbaht qatt, sur Anton.

ANTON:- Jekk jirbah hu - bis-serjeta - inkun irbaht jiena wkoll. Emmnu dak li qed nghidlek. Inkunu rbahna lkoll. (Jitlaq min-nofs lemin)

LURETA:- (Bil-bicciet tac-chess fil-fardal) Ghandek tghid jiena bqajt ma zzewigt qatt biex ma nidholx f'inkwiet uspiccajt sa xfar ghajnejja fl-inkwiet.. Tghid San Pawl zbalja meta kien qal li min jizzewweg jaghmel tajjeb u min jibqa ghazeb jaghmel ahjar? Jew kif qalha? Insomma issa qal li qal. (Taqbad ir-regina bejn idejha) Sinjura regina, taf li inti gibtu dan l-inkwiet kollu? Mela xinhu, int. U taf ghaliex? Ghax lilek habbek hafna. (Tibda tersaq lejn ir-ritratt ta' fuq l-iskrivanija) Ma xtaqx jitilfek. (Taqbad ir-ritratt ta' Rita) Min ikun ihobb majkunx

irid jitlef. Tkun haga sewwa jekk issa minfejn int qeghda ~~xxxxxxxxghaxxxx~~ tghinu biex jifhem li ghalkemm hallejtu warajk, ghadek mohhok fih. (Kwazi tibki) Sinjura Rita, f'giegh l-imhabba li thobbhom kollha, tinsihomx trid? (Tqieghed l-itratt f'postu, timsah demgha u titlaq)

(JINTEFA' D-DAWL U JERGA JIXGHEL WARA TLETIN SEKONDA)
************************************************************

Xena 17. (Marta tidhol mix-xellug u Alex warajha)

MARTA:- Gorg hareg, ga ghidtlek. Issa mur.

ALEX:- Jiena mhux biex nara lil Gorg gejt.

MARTA:- Lil m'ghandekx xi tridni.

ALEX:- Qatt qalulek kemm int sabieha?

MARTA:- Issa appik li jigi l-papa.

ALEX:- Ma nafx kemm il-darba nistembah bil-lejl. U nsibek hemm, quddiem ghajnejja. U ma thallinix norqod. Ghajnejk isahhruni. (Jipprova jersaq lejha)

MARTA:- (Titbieghed minnu) Jekk isibek hawn hija zgur li ma jharisx izjed lejn wiccek.

ALEX:- U x'jimpurtani jien minn huk. Ghax ma jmurx jixxejjer hu u l-pilloli li jibla. Jien mohhni fik biss.

MARTA:- Kieku jigi z-ziju bhal issa...

ALEX:- Joqghod ifehmni kif bnew l-istatwa tal-liberta. Marta, ghidli iva, imqar darba.

MARTA:- Jekk ma titlaqx il-barra se nibda nwerzaq.

ALEX:- (Jersaq) Aktar ma tifferocja aktar narak sabieh a quddiem ghajnejja (Jersaq pass iehor)

MARTA:- (Taqbad siggu biex tiddefendi ruha) Jekk tabbuza, jekk tersaq pass iehor, intihulek fuq rasek.

ALEX:- Ikun privilegg li taqsamli rasi int. Ejja, tibzax, tih. (Jersaq)

MARTA:- (Ddurlu) Int mignun.

ALEX:- HHekk ghamiltni int, mignun. Mignun ta' mh.abbtek. Wiccek sahharni. Ghajnejk tilfuni. Irridek, irridek ghalija, fhimt? (Jaghti sal u jahtafha.)

MARTA:- (Tissara mieghu) Hallini, hallini. Annimal. Annimal. (Twerzaq. Izda hu mitluf ma jaghrix kaz)

Xena 18. (Lureta minn nofs xellug gejja minn barra)

LURETA:- Oj, hawn x'gej?

MARTA:- Hallini. Hallini.

ALEX:- (Mitluf ma jitlaqiex)

LURETA:- Isa hej x'galantom fik. Tridx thalliha ja brikkun. (Taqbdu minn xaghru u tigbdu l-barra) Aqla l-barra ja sabi hazin.

ALEX:- Ajma, ajma. Hallini. Hallili xaghri.

LURETA:- (Ittih daqqa ta' sieq fuq wara) F'idejja ngibulek xaghrek jekk terga' tersaq l-hawn gew.

ALEX:- Inpattihielek. Inpattihielek. (Jitlaq)

MARTA:- (Mitluqatibki fuq pultruna.) Iskot, iskot ruhi. Tibzax, mhuxse jazzarda darb'ohra. Imxi, imxi halli ntellek f'kamartek.

MARTA:- (Tibki u mghejjuna minn Lureta titlaq nofs xellug)

Xena 19. (Gorg u Father Hugh. Liebes pajzan. Qrib l-erbghin sena)

GORG:- Ghaddi, ghaddi. Noffrilek tazza birra?

F. HUGH:- Le. Grazzi.

GORG:- Skuzani taf li ser nerga' nistaqsik. Ghidtli li baghat ghalik il-papa?

F. HUGH:- Hekku, sewwa fhimt. Hu b aghat ghalija.

GORG:- (Suspettus b'nofs dahqa) Haga li ma titwemminx.

F. HUGH:- Hemm xi raguni ghala m'ghandiex titwemmen?

GORG:- U ejja Father, ir-raguni tafha daqsi int. Ghawdex mhux xi California bhal ma jhobb ighid zijuhi; zghir u kulhadd jaf ta' xulxin. Kulhadd jaf li missieri issa ilu zmien li nqata' minnkom. Kull min rak wara l-bieb zgur li hasbek li hadt zball.

F. HUGH:- Jekk mintix temmini mur ghidlu li qieghed hawn u hu stess jghidlek li b aghat ghalija.

GORG:- Il-papa mhux hawn. Nofs sigha ilu rajtu sejjer lejn Marsalforn bil-karozza.

F. HUGH:- (Ihares lejn l-arlogg) Ghadu ftit il-hin. Ghalhekk ma habbatx u sibtni wara l-bieb. L-appuntamen t'ghall-erbgha.

GORG:- (Ihares lejn l-arlogg) Gejt kwarta qabel il-hin miftihem.

F. HUGH:- Ma gara xejn. Immur u nerga' nigi kwarta ohra.

GORG:- U le, issa la qieghed hawn, stennih. Oqghod bilqeghda.

F. HUGH:- Grazzi. (Ipoggi)

GORG:- Xejn xejn insir nafek aktar mill-qrib. Naf li inti u ohti hbieb hafna...

F. HUGH:- (Ihares lejh)

GORG:- U le, fejn sejjer b'rasek? Ma qieghed ninsinwa xejn. Bhal ma int habib m'ohti xieraq li nkunu hbieb ahna wkoll. Wara kollox din hija okkazzjoni li qatt ma hlomtha. Il-papa kien halef li tal-pezza taghkom ma jidhlux f'daru. U issa f'daqqa wahda...int hawn.

F. HUGH:- La baghat ghalija sinjal li jrid ikellimni. X'riditni naghmel? Ma nigix?

GORG:- (Jitbissem u jitkellem wahdu) Il-papa? Possibli? (Lil Father) Ghandi kurzita kbira biex inisr naf x' jrid jghidlek. Int taf hux li issaghadsew hmistax il-sena minn dik il-halfa li kien ghamel?

F. HUGH:- Hmistax il-sena?

GORG:- Ej ej, Father. Ga ghidtlek li hawn f'Ghawdex kulhadd jaf ta' xulxin. Nifhem li ghal bidu din li missieri ma riedx jaf bi twemmin u b'min jippridkah, in-nies haduha bi kbira. Biss imbaghad il-bicca ndrat u hadd m'ghadu jsemmi xejn aktar - ghall-inqas fid-deher.

F. HUGH:- Lilek kif kienet laqtitek id-decizzjoni li kien ha l-papa?

GORG:- (Jiccajta ferhan) Jiena fraht. Xejn xejn ma kellix ghalfejn noqghod ~~[illegible]~~ inqum izjed ma l-ghabex biex immur inqatta xi sigha l-knisja.

F. HUGH:- Tajba din. Tajba. (IKompli mieghu) U meta kbirt?

GORG:- Abbandunajt kollox. Hassejtni aktar komdu n ghix boghod mill-ipokriti. (Jinduna li qal kelma zejda) Tiehux ghalik, Father. Mhux ghalik qed nghid. Lilek ma nafekx. Fil-ftit zmien li dort immur il-knisja ma hadtx impressjoni tajba ta' dak li rajt u smajt.

F. HUGH:- Kont ghadek zghir.

GORG:- Imma tiskanta x'effett ihalli fuqek dak li jghaddi minnek meta tkun zghir. Kont ghadni bilkemm naf immidd riglejja biex naghti pass li ma bdejtx insib ruhi mgebbed minn ommi u missieri biex johduni l-knisja. Kont insib ruhi hemm fuq siggu tas-soda b 'idejja msallbin fuq sidri bla ma kont inkun naf ghalfejn qiegħed hemm. U jekk mank kont nitharrek kont nara figura twila twila riesqa lejja u b'lehen li jwahhax ighidli li l-bambin ser igibli n-nar. U ta' tifel li li kont, kont nibza min-nar. Dan min ma jibzax? U kbirt ftit iehor.

F. HUGH:- U bqajt tmur ~~xxxxx~~ maghhom.

GORG:- Ma kontx ghadni kbirt bizzejjed biex nghid le. Niftakar darba kienet kesha xxoq il-ghadam u x-xita kienet niezla bil-bramel. Izda ommi u missieri xorta wahda kaxkruni maghhom lejn il-knisja. Xi hadd kien dahhlilhom f'rashom li jekk ma nqattax sigh a kuljum il-knisja u jekk ma nzebbigx h mistax il-post kuljum, il-genna ma narahiex. U ommi u missieri kienu jhobbuni. Ommi u missieri rieduni mmur il-genna. U haduni l-knisja f'dak il-ksieh u f'dik ix-xita. Sirt ghasra sakemm wasalna. U ksaht. U kont ser nghid lil ommi li kelli bzonn immur sa wara l-kantuniera. Izda kif kont ser niftah halqi biex nitkellem, fegget il-figura t-twila liebsa l-iswed minn rasha sa l-ghekiesi. B'ghajnejh fissi lejja donnu ried ifakkarni li l-bambin se jgibli n-nar. U lil ommi m'ghidtiliex li kelli bzonn immur wara l-kantuniera. Minflok sallabt riglejja fuq xulxin biex kemm nista' nrazzan il-bzonn naturali tieghi. Izda dak li hu naturali ma jista' jiggielidlu hadd. Hadd ma jista' jzommu. L-eb da ligi jew kmandament. U ma flahtx aktar. U minn bejn is-soda tas-siggu b eda jnixxi l-ilma. U straht. (Jiehu nifs twil)

F. HUGH:- (Jidhaq)

GORG:- Idhaq idhaq. Imhatra mintix temmini?

F. HUGH:- Kompli kompli. Qieghed niehu gost nisimghak.

GORG:- Minn bejn is-soda tas-siggu beda jnixxi l-ilma. Ghall-ewwel dawk ta' madwarna hasbuha li qed tqattar il-koppla. Izda meta ntebhu x'kien gara carrtu halqhom fi tbissima li spiccat fi tfaqqiegha ta' dahq. Wicc ommi ried itir iddemm minnu bil-misthija. Missieri dak il-hin ftakar li ried jiskorri u erhielha lejn is-sagristija. Bla hafna cerimonji ommi qabditni minn idi u kaxkritni l-barra. Il-figura t-~~[illegible]~~ twila malli lemahna hergin f'nofs quddiesa gie jigri halli jara kif kellna l-hila nisfidaw.l-ordni tieghu u niṭilqu l-barra f'nofs quddiesa. Bir-rankatura li ha, dak ~~[illegible]~~ l-ilms li ~~[illegible]~~ zzerzaq minn bejn is-soda ghall-art, ma rahx u spicca ~~[illegible]~~ minn tulu fl-art. Dak inhar.kull min kien fil-knisja, kollha nofs quddiesa semghu.

F. HUGH:- Mur ara dak il-povru arcipriet jew kappillan x'kien x'fatta instehet. (Serju) Imma possibli li ~~[illegible]~~ incident bhal din wasslitek biex tabbanduna kollox?

GORG:- L-inçident fih in-nifsu le. Imma dak li bdejt nifhem wara, iva. Ommi u missieri kienu jinsistu li jiena ghandi nircievi l-hobz tal-hajja bhal ma kienet taghmel hi. U anke Consina ta' hdejna u.Dolor u Karmni kienu jiercivu l-hobz tal-hajja - hekk kien isejjahlu l-figura t-wila. Hobz tal-hajja. U kulhadd kien jobdih lill-arcipriet jew kappillan x'kien. ~~[illegible]~~ Kulhadd kien imur ghall-hobz tal-hajja.

F. HUGH:- Ejja nghiduha, kienet drawwa sabieha. Dnub li llum in-numru ta' dawk qed jonqod kuljum.

GORG:- Sinjal li l-inokriti qeghdin jonqsu kuljum.

F. HUGH:- Issa qed tesagera.

GORG:- Hekk tahseb? Censina fuq iz-zuntier kienet tigi tfesfes f'widnejn ommi li t-tifla ta' Tona kienet imhawwda wahda nobis. U Karmni kienet tmur fuq Tona u minn taht l-ilsien kienet takkuza lir-ragel ta' Censina li bis-serq li jisraq imissu qatt ma johrog mill-habs. U Dolor kienet tghid dak kollu li jigi f'ilseinha fuq Karmni, Tona u Censina, veru u mhux. Naghmel ghonqi mhatra li l-hobz tal-hajja bil-kemm kien ikun ghadda minn grizmejhom.

F. HUGH:- Jidher li l-hazin li kont tara f'haddiehor kien jinkwetak.

GORG:- Mibgheda, hdura, vendikazzjonijiet, ghira u mitt hag hag'ohra. U kulhadd jibla l-hob z tal-hajja b ' kuxjenza mnittna. Kif stajt nibqa fil-merhla jien? Malli sibt ruhi fil-liberta dik l-ewwel haga li ghamilt; tlaqt mill-merhla. Kuntent li jsejjhuli mazun bhal ma sejhuli kemm il-darba milli ipokrita u farizew.

F. HUGH:- Xi darba ta' min jitkellimha fit-tul din il-bicca.

GORG:- M'ghandniex x'nitkellmu, Father. Nahseb li aktar jaqbillek tkompli tithabbeb m'ohti. Dik t ahsibha xort'ohra. Biss ogghod attent. Taghmilx minnha ipokrita wkoll.

F. HUGH:- Xi darba jmissek thallini nkellmek ftit.

GORG:- Issa ghajjejt. Ghidt bizzejjed. Se jkolli nhallik. Ghaddiet kwarta minn kemm ilna nitkellmu? Ma' nahsibx, mela stenna ftit iehor. Sarli l-hin ghall-medicina. (Jimxi lejn in-nofs) Xi trid taghmel. Issa li hemm hemm. Minghajrha ma nghaddix. (Jitlaq nofs xellug)

<u>Xena 20.</u> (Lureta min nofs xellug)

LURETA:- (Tiltaqa ma Gorg fil-bieb.) Hawn int, irrid inkellmek. (Tinduna bil-qassis) Hawn x'int taghmel, int? Barra. Ohrog qabel ma jigi hu u jaghmel xi wahda tinkiteb. Mur.

F. HUGH:- U baghat ghalija.

LURETA:- Hu min?

F. HUGH:- Is-sur Philip.

LURETA:- Tiehux ghalik tafx, imma minix nemmnek.

F. HUGH:- Gorg ukoll ma riedx jemmen li baghat ghalija.

LURETA:- Mela int kont qed titkellem ma dak id-disklu?

F. HUGH:- Gorg ghandu hafna punti ta' min jahseb fuqhom. Ma rridx nghid li dak kollu li qal huwa t ajjeb. Imma hafna minn dak li qal jaghmel sens.

LURETA:- Ikolli nghid li kulhadd tilef rasu hawn gew. Aktar kien jaqbel li tlaqt lejn Malta u hallejt lil kulhadd jghaffeg.

F. HUGH:- Hazin, hazin.

LURETA:- Mela mhux hazin. Ara li ma jaghmillekx xi wahda. Din li baghat ghalik ma ddoqqli xejn. Tafdahx, isma' minni. Imma ara jien kemm ghandi ghalxiex ninkwieta. Kieku mhux ghax kelli fibra tajba ilhi taht it-trab. Jekk tara li se jerfa' jdejh, tibzax, sejjahli. Jien minix se nhallik mument minn taht ghajnejja. Ghassa tieghek inkun. Imma ghaliex? Ghaliex kelli niltaqa ma tant gwaj fi xjuhiti. San Kerrew ieqaf maghna.

TMIEM IT-TIENI ATT.

Xena: Listess bhall l-ewwel u t-tieni att.

Xena 21. (Father Hugh fuq pultruna u Philip fil-bieb tan-nofs)

F. HUGH:- (Jinduna b'Philip. Iqum u jipprezentalu idu) Ghandi pjacir naghmel konoxxenza tieghek, sur Philip.

PHILIP:- Ma johodlux b'idu) Father Hugh, dak li ghandna xi nghidu jiehu ftit hin biss. M'ghandniex ghalfejn noqghodu nintilfu f'hafna kliem tad introduzzjoni. Nistghu nigu ghas-suggett mill-ewwel.

Xena 22, (Tidhol Lureta mix-xellug)

LURETA:- (Dak li tghid huwa skuzab biex ma thallix lil Father wahdu) Sejjahtli, sur Philip?

PHILIP:- Jien? Sejjahtlek?

LURETA:- Inti taf.

PHILIP:- Ma sejjahtlekx.

LURETA:- (Timsah idejha fil-fardal) Tghid sejhitli l-mewt mela? Tridni ngiblek xi haga?

PHILIP:- Le ma sejjahtlekx m'ghandi bzonn xejn.

LURETA:- (Turi li ma tridx titlaq) Lanqas kafe?

PHILIP:- Lanqas.

LURETA:- Imma d-dun jiehu kafe.

PHILIP:- Lanqas. Father Hugh mhux ser idum hawn.

LURETA:- M'la nista' mmur inkompli, hux hekk?

PHILIP:- Ghadek hawn?

LURETA:- Iva, iva sejra. (Hi u sejratagħmel sinjal minn wara dahar Philip bħal trid tgħidlu 'Tibzax hawn jien')

PHILIP:- Kont qed ngħidlek li...

F. HUGH:- Biex nigu għas-suggett.

PHILIP:- Hekku. Għidli, kemm għandek bzonn flus?

F. HUGH:- Flus?

PHILIP:- Naf li qiegħed speci ta' klabb fejn tlaqqa z-zgħazagħ. Bicca xogħol bħal din titlob hafna flus. Kemm?

F. HUGH:- Skuzani sur Philip li se ngħid xi haga li tista' t'offendik. Qatt m'għaddhieli minn moħħi li inti generuz daqshekk.

PHILIP:- Ejja ngħidu li għandi r-ragunijiet tiegħi li nkun hekk.

F. HUGH:- J'Alla kulhadd bħalek.

PHILIP:- Staqsejtek mistoqsija. Qed nistenna twegiba. Malli tgħidli nagħmillek cekk u tkun tista' titlaq.

F. HUGH:- Jiena naccetta dak kollu li t'offrili.

PHILIP:- (Beda jitlef il-pacenzja) Kemm għandek bzonn irrid naf.

F. HUGH:- Kull min jidħol għall-bicca xogħol bħal ma dhalt għaliha jien, l-ispejjes ma jonqsu qatt. U qatt ma tkun tista' tgħid kemm tkun kbira l-għajnuna li wiehed ikun jehtieg.

PHILIP:- Cekk miftugħ?

F. HUGH:- (Bi tbissima) Jekk nippretendi daqshekk inkun wicci tost.

PHILIP:- (Jitilgħulu) Tkellimna hafna u għadna m'għidna xejn. Se nerga nagħmillek il-mistoqsija. Kemm għandek bzonn?

Xena 22. (Lureta mix-xellug)

LURETA:- (Tidhol mill-bieb xellug. Thares lejhom. ~~Tibqa~~ U tibqa hierga min-nofs lemin)

PHILIP:- (Jirreagixxi lejn Lureta) Kemm ghandek bzonn flus irrid naf.

F. HUGH:- Hemm ohrajn generuzi bhalek. Min indahal biex ihallas l-ispejjes ta' kamra. Min indahal biex ihallas il-kont tal-madum u min ghal haga u min ghal ohra. Bhal ma qed tara, il-qaghda mhix daqshekk imwera. Biss naf li hija xewqa taz-zghazagh li jkolom sala kbira biex fiha jkunu jistghu iqeghdu billiard full size. Jekk trid thallas ghal bini tas-sala zgur li kulhadd ikun jafulek. Barra minn hekk inweghdek li dik is-sala nsemmghuha ghalik.

PHILIP:- Le le. Grazzi. Ismi ma jidhol imkien. Tista tqabbad lil min jibni u l-kontijiet inhallashom jien.

F. HUGH:- Tassew inhossni sorpris. Qatt f'mitt sena li x-xewqa taz-zghazagh kienet se ssir realta daqshekk malajr. Grazzi minn qiegh qalbi.

PHILIP:- Tidher li int sodisfatt hafna bl-offerta tieghi?

F. HUGH:- Kif nista ma nkunx?

PHILIP:- Issa xieraq li tissodisfa lili.

F. HUGH:- Mela le. Ghidli, bil-qalb kollha. X'nista naghmel ghalik?

Xena 23. (Lureta minn nofs lemin)

LURETA:- (Waqt li sejra lejn il-bieb xellug) Smajt hazin. Anke minn widnejja bdejt immur, issa. (Tidhol bieb xellug)

PHILIP:- (Isammar harstu lejn fejn dahlet Lureta) Father Hugh, irridek tnehhi minn mohh Marta l-idea li ssir soru.

F. HUGH:- (Li kien qed jissuspetta xi haga hekk) Qed titlob gholi wisq.

GORG:- Kelma tmur fin-nofs. Minnek tisma' zgur.

F. HUGH:- Iz-zghazagh se jkollom jistennew sakemm jinqala xi hadd iehor li ma jitlobx daqshekk gholi.

PHILIP:- Tghidlix li qieghed tirrifjuta l-offerta li qed naghmillek.

F. HUGH:- Qieghed nirrifjuta li nkun halliel.

PHILIP:- Hallik mill-metaforika issa.

F. HUGH:- Metaforika xejn. Anzi ma nistax inkun car aktar minn hekk; ma rridx inkun halliel.

PHILIP:- Ma niskantax tafx. Wara li minjaf kemm insistejt maghha biex taqbad din it-triq - minn wara dahri - issa mhux se titlef dak li rbaht - minghalik.

F. HUGH:- Nassigurak li jien persunali ma rbaht xejn. Minn naha l-ohra jiena nixtieqek temmen li qatt ma uzajt xi ghamla ta' pressjoni fuq bintek biex tasal ghad-decizzjoni li waslet ghalhija.

PHILIP:- Qed tigdeb!

F. HUGH:- Sur Philip, tassew jnhossok tiskantani. Minn bniedem intelligenti bhalek, ragunar ta' din ix-xorta qatt ma stennejtu.

PHILIP:- Ghandi hafna ragunijiet validi ghax nirraguna hekk.

F. HUGH:- Qatt ma jista' jkollok ragunijiet validi bizzejjed biex iccahhad lis-sid minn dak li hu tieghu.

PHILIP:- Int qatt kellek xi haga prezzjuza u ghaziza ghalik u serquhielek?

F. HUGH:- Serquhiolek hija kelma ftit u xejn goffa. Biss kulhadd xi darba jew ohra sab ruhu f'ghawg bhal tieghek.

PHILIP:- (Bla ma jaghti kazhu) Jiena wkoll darba kelli xi haga prezzjuza u ghall-qalbi. Marti. Mara ezemplari li mieghi kienet tqattgha l-hin taghha tahdem u taghmel il-gid lil ghajra. Mohha kien biss kif se trabbi lil uliedha fl-imhabba ta' min tahomlha. Lili wkoll garritni maghha. Kienet ezempju car ta' mhabba specjalment ghal min kien inqas fortunat minnha. Ta' tletin sena giet mahsuda minn din l-art. Ta tletin sena. Qed tifhem?

F. HUGH:- Kmieni jew tard ilkoll irridu nitilqu minn h awn.

PHILIP:- Naf. Minixdaqshekk imbecilli li ma nammettix haga bhal din. Imma ghaliex f'eta hekk zghira? Ghaliex lil marti u mhux lil xi ohra minn dawk li hawn jiggerrew massaqajn u hlief deni ma jaghmlux? Int t af aktar minni x'hawn jigri mas-saqajn. Taf kemm hawn zghazagh u mizzewwgin li qeghdin jitilfu rashom wara nisa bhal dawn? Mela ghax ma hax lilhom u kien inaddaf lis-socjeta minn dal-hmieg? Lil marti ha?

F. HUGH:- Tahseb li mis-sema l-isfel hawn xi hadd li jistad jasal biex jiggudika xinhu l-ahjar? Hafna drabi ahna nharsu sa tarf imnehirna biss.

PHILIP:- Ftit ilu sejjahtli bniedem intelligenti. Mela jekk joghgbok ittrattani t'hekk. Ejja nkunu prattici.

F. HUGH:- Mela xinhu; ejja nkunu prattici. Ejja naraw il-wicc l-iehor ta' l-istampa hux ikreh daqs kemm qed tpingih.

PHILIP:- Il-mewt hija haga kerha minnha nfisha.

F. HUGH:- Hekku. Dak hu l-wicc l-ikreh. Issa ejja naraw innaha l-ohra ta' l-istampa b'rizultat tal-mewt ta' martek.

PHILIP:- Ghadek kemm ghidt li ahna ma nistghux nigħudikaw xinhu l-ahjar ghalina. Issa kif trid taghti tifsira lill-wicc l-iehor? Il-wicc is-sabieh.

F. HUGH:-Jekk inharsu b'mohh car inkunu nistghu nifhmu dak li nahsbu li ghalina jkun misteru.

PHILIP:- Kliem bhal dan hallih ghal-loku. Jiena ma nimpressjonax ruhi malajr. Id-decizzjoni tieghi hadtha dak inhar li mietet hi. Dak inhar hlift lili n-nifsi li kull hjiel ta' religjon irid jispicca minn go din id-dar. Lill uliedi rabbejthom f'liberta assoluta. Jaghmlu biss dak li l-aktar jahsbu li jkun jaqblilhom biex jekk jigrilom xi haga bhal ma grat lili ma jkolomx indiema.

F. HUGH:-Qieghed tghid hraf. Jekk tassew hallejthom fil-liberta ghaliex qed toggezzjona ghad-deccizzjoni li hadet Marta?

PHILIP:- Lanqas jekk naf li ninqered b'sajjetta ma nhalliha. (Id isprat) Le u le. Qed tifhem?

Xena 24. (Lureta mix-xellug)

LURETA:- (Bil-board tac-chess f'idha u l-figuri) Komplu komplu tkellmu. Kemm inqieghed ic-chess f'postu.

PHILIP:- (Jintelaq bla kliem ihares il-fuq)

F. HUGH:- (Ihares lejn Lureta)

LURETA:- (Thares lejn F. Hugh speci trid tghidlu 'kollox sew'?) Isma' jekk tridu kafe jew te, ghandi l-mishun lest. Sur Philip, lil isqof fejn inqeghdu? Jien ma nafx fejn ipogguh is-soltu. Isma', Dun, int taf fejn iqeghduh lil isqof.

PHILIP:- Lureta, din ir-raba darba li interrompejt. Xi trid?

LURETA:- Jien marrid xejn. Billi rajt li d-Dun baqahawn, ghidt bejni u bejn ruhi, halli nohdilhom ic-chess forsi jkunu jridu jilghabu xi wahda. Inti tilghabu/ c-chess Dun?

PHILIP:- Lureta. Hu ur aghmel dak li kont qed taghmel u jekk ma nsejjahlekx jien m'ghandekx ghalfejn tigi.

LURETA:- Iva iva, sejra. Isma', sewwa qeghdtu lil isqof?

PHILIP:- Lureta!

LURETA:- Mela jekk mhux qieghed f'postu irrangawh intom. (Titlaq mill-bieb xellug mohha fil-Father)

PHILIP:- Allura x'ser tghidli?

F. HUGH:- M'ghandix twegiba ohra ghajr dik li tajtek. Biss qabel ma nitlaq nixtieq nghidlek x'gid kien inkiseb bil-mewt ta' martek.

PHILIP:- Mela qed titlef mohhok, int? X'gid jista' johrog mill-mewt?

F. HUGH:- Il-mewt ta' martek serviet biex persuna ohra rat id-dawl.

PHILIP:- Dan hu l-wicc l-iehor, il-wicc is-sabieh? Il-wicc l-iehor?

F. HUGH:- Ghadni niftakru tajjeb dak il-jum li mietet hi. Kelli hamsa u ghoxrin sena. Ir-rahal kollu deher imnikket ghall-mewt ta' hha.

PHILIP:- Tahseb li dak ir-rispett kienet tgawdih ghalxejn?

f. Hugh;- Il-funerali li kienu sarulha kienu xhieda tal-istima li kienet tgawdi.

PHILIP:- (Jitkellem wahdu) Kien jum il-milied. Il-ferh tal-presepju inbidel f'niket. Is-sigra tal-milied inbidlet f'wahda tac-cippress. L-ghar ta' Betlehm f'qabar. Filli dak il-kant sabieh li jferrah u filli d-Dic sire.

F. HUGH:- Dak kien zmien il-bidla ghalija. Il-pulizija kien ilha zmien tigri warajja ghax kellha hafna suspetti fuqi. Il-hbieb li kelli u jien maghhom ridna li nghixu minn dak li hadd iehor ikun faddal b'gharaq gbinu. Konna ghaqda ta' xebbiet u guvintur b'kapacita professjonali ghas-serq. L-importanti kien li jkollna bizzejjed biex nieklu u niddevertu. (Ib axxi radu)

PHILIP:- (Skantat) Int?

F. HUGH:- Qieghed tiskanta?

PHILIP:- Issa aktar minn qabel qed nikkonferma kemm kelli ragun jien. Il-mewt kien imissha baghta lilek. Int kont wiehed minn dawk li kont qed tharbatlu l-merhla.

F: HUGH:- Nahseb li ma hadnix ghax ried xi hag'ohra minni. Dak inhar tal-funeral ta' martek, bla ma naf kif inqbadt f'nofs dik il-folla li kienet giet biex taghtiha l-ahhar tislima. Il-misrah kien mahnuq bin-nies. Kulhadd iross u jimbotta. Kulhadd irid imiss it-tebut. Sibt ruhi mbuttat ghal gol-knisja. Ma niftakarx meta kien l-ahhar li kont dhalt fi knisja. Bdejt incaqlaq xuftejja u nghid ma dawk li kienu qed jitolbu ghaliha. Kien hemm waqtiet li ri't nohrog minn qalb dik ir-xx rassa. Izda kull darba kont nerga' nsib ruhi mbuttat il-quddiem. U bqajt hemm. Ic-cerimonja spiccat u l-folla tferxet. U jien bqajt hemm, fil-knisja, wahdi. Dak il-hin rajt il-wicc is-sabieh, il-wicc l-iehor. Kieku ma kenitx il-mewt ta' martek kieku minjaf x' kien isir minni.

PHILIP:- Bravu ghalik, Father.

F. HUGH:- Kont ~~xxxxxxxxxx~~ ixxurtjat aktar minn Santu Wistin ghaxdak dam tletin sena sakemm ra l-wicc l-iehor.

PHILIP:- Trid tieqaf tghid il-hmerijiet?

F. HUGH:- Sur Philip, int habbejt lill-~~m~~martek hajja u jien nghozz il-mewt taghha. Kienet hi li urietni ~~t~~triq.

PHILIP:- Issa qieghed tkun imbecilli. U tghid x'tighid mintix se tipperswadini nhalli lil binti tmur issefter lil hadd.

F. HUGH:-Tinsiex li hallejtha fil-liberta.

PHILIP:- Imma mhux biex tmur is-sefter.

F. HUGH:-Personalment ma tkun qed taghmilli xejn billi tfixkilha fit-triq li qabdet. Anzi nhoss li ghandek tirrangrazzja lil min ftakar fiha.

PHILIP:- L-ewwel hadli lill-marti, u issa inti tridni ntih lil binti. Mhux hekk naghmlu, tghid.

F. HUGH:-Lil Alla ma nistghux nichdulu dak li mhux taghna. Bintek tieghu?

PHILIP:- Hekk tahseb? Barra. Barra qed nghidlek. Baaaarra.

Xena 25. (Lureta mix-xellug)

LURETA:- (Dritt lejn il-qassis) Isa, isa barra. Barra. Irringrazzja lil xortik li ma fetahlekx rasek ktieb. (Timbuttah il-barra minn nofs lemin)

PHILIP:- Lureta, fejnhi Marta?

LURETA:- Ridt inkellmek fuqha.

PHILIP:- Naf xi trid tghidli. Le u le.

LURETA:- Xigifieri le u le? Se thallihielu ghaddejja lixxa? Mur irrapurtah lill-pulizija. Ja mahmug li hu. Kieku ma kont jien ma nafx x'kien jigri. Qed nghid ghal Alex, il-habib ta' Gorg. Li kieku ma lhaqtx fil-waqt kien jabbuzaha. Imbaghad konna nigu tajjeb. Qis li tkellmu u ghidlu li m'ghandux ghalfejn jidhol hawn gew. Hawn m'hawnx post ghall nies bhalu, jekk tista' sseijahlu nies. Huwa jien inqeghdu jekk jerga' jirfes mill-ghatba l-gewwa. Ma nhallilux sufa wahda. (Titlaq)

PHILIP:- (Minn taht l-ilsien) Ahjar li abbuzaha. Ahjar.

Xena 26. (Gorg min-nofs u P. Pawl warajh)

GORG:- (Jidher li qieghed taht l-influwenza tad-drogi) Min iridni?

PHILIP:- (Jinhasad) Din x'surahi li qieghed fiha?

P. PAWL:- Imxi f'kamartek, Gorg.

GORG:- Zi, tergax tibda tikkmanda. Mela ghadek ma hadtiex it-taghlima?

PHILIP:- Mur f'kamartek.

GORG:- (Jimitah) Mur f'kamartek. Din x'liberta hi? Jekk jien irrid nibqa, kif trid tibghatni? Kulhadd irid il-liberta. Kulhadd jippriedka l-liberta u kulhadd johnoq il-liberta. Din mhi logika xejn. Tippriedka l-liberta u tohnoq il-liberta. Imbaghad intom il-kbar ghandkom manija biex tohonquha l-liberta. U l-aktar li nbatu mhabba f'hekk, ahna z-zghazagh. Ahna l-vittmi. Ma temmnunix? Aghtu titwila madwar il-globu u ghiduli x'taraw. Zghazagh jinqerdu fl-ahjar taghhom ghax iridu l-liberta.

P. PAWL:- Isma' minni, imxi f'kamartek.

GORG:- U le, zi; minix se nitbellah. Tingiza z-hira kull ma hadt. Xejn specjali.

PHILIP:- (Milqut) Gorg!!??

GORG:- Tlett mitt lira kull ma tlabtek. Ma tajthomlix. B'daqshekk x'gara? Xejn. Minn hawn jew minn hemm iddubajthom.

PHILIP:- (Imbazza) Int...int???

GORG:- Mhux kulhadd ifittex xi haga biex tnessih dak li ma jkunx irid jiftakar? Int, papa...jien u kulhadd. Dak li jdejjaq hadd ma jrid imiss mieghu. Kollox naghmlu biex intajjru minn quddiemna dak li jdejjaqna.

P. PAWL:- Li tipprova tnehhi l-hazin b'haga hazina ohra tkun qed tidhol fi gwaj akbar.

GORG:- Gwaj akbar? U x'jimpurtani jien. Jekk tiehu mqar pillola jew tingiza jghidu li qed teqred lilek innifsek. Allura b'daqshekk? Mhux ahjar milli jeqirdek hadd iehor? Mhux ghall hemm ilkoll mexjin - ghall-qirda? - U mhux bil-pilloli tafux, jew bil-labra. Imma bi bir-raguni. Bis-sens. U tiskanta dawn mhumiex zghazagh nohh ir-rih. Dawn KBAR. MATURI. Ghall-inqas hekk joholmu li huma - imsiekn. Piki bla sens. Jekk wiehed jitla fil-qamar, l-iehor irid jasal sax-xemx. U jaharqu flushom biex jiskopru kif se jeqirdu lil xulxin. U sadanittant eluf...miljuni ta! zghazagh bhali jitkarmbu kuljum ghall-loqma hobz. Kemm kemm jitrejqu kull ma jridu dawn. U min ghandu. U min hu fgat fil-gid qed ihallihom ininu ftit ftit. Ghax ma jitfawlomx wahda bhal dik li tefghu fuq Nagasaki u Hiroshima u jserrhuhom? Kulhadd jn thares qirda. U triduni ma niblax il-pilloli lili? Hekk irrid. Neqred lili n-nifsi qabel ma jeqirduni huma. Irmied iridu jaghmluha lid-dinja. U ma ddumx ma ssir hekk. Irmied. U intom u jiena u lkoll kemm ahna nsiru rmied. Hadd ma jehlisha hafif. Imbaghad ma jkunx baqa intom biex tghidulna li mohhna fil-hmerijiet. U ma jibqax aktar boloh bhali li lesti jeqirdu lilhom infushom biex jaghmlu sinjur lil xi wiehed bhalek, zi.

PHILIP:- Qed nordnalek biex tieqaf.

[illegible]:- Xena 27: (Narta tkun dahlet f'nofs dan il-ispeech [illegible] [illegible] Gorg) [illegible] [illegible] [illegible] it-[illegible] - ta' [illegible] [illegible], [illegible] it-

MARTA:- Sewwa qieghed ighidlek. U int ghalxejn issommha [illegible] it-tieqa. Ghalxejn tkecci lil Father Hugh

[illegible]:- ghax il-qirda tidhol hawn gew ukoll. Tmistax il-sena ilha maghluqa it-tieqa ta' mohhok. Isma' minni, iftaghha dik it-tieqa forsi fl-ahhar jidhol nagg dawl f'mohhok u f'mohh dawk li mohhom dejjem jehewden kif se jeqirdu dak li b'tant sengha gie mibni minn dak li temm hajtu mdendel fuq bictejn ghuda. U jekk mintix se tiftaghha int it-tieqa, ser niftaghha jien. (Tmur b'girja lejn it-tieqa)

PHILIP:- (Izommha) Le! Le! It-tieqa ma tiftahiex.

MARTA:- (Tibqa mqabbda mieghu) Jekk nifthuha tidhol ix-xema, id-dawl, l-arja. Ilkoll inkunu nistghu niehdu nifs ahjar.

Xena 28. (Lureta ~~mix-xellug~~)

LURETA:- (Tarahom imqabbdin f'xulxin) Madonna t al-hniena, x' gara?

MARTA:- (B'entuzjazmu) Hux jekk nifthu t-tieqa int ukoll tkun ferhana, Lureta?

LURETA:- U zgur li nkun ferhana. Allavolja jizdiedli x-xoghol. Kont drajt naqbizha u ma nfarfariex din il-kamra.

PHILIP:- Din it-tieqa ser tibqa maghluqa u ma tinfetah qatt aktar. Hawn gew isir dak li nghid biss, fhimtu? Dak li nghid jien biss!

JINTEFA' D-DAWL U JERGA' JIXGHEL WARA TNEJN SEKONDA
******************************************************************

Xena 29. (Anton u Philip quddiem xulxin jilghabu c-chess. Jahsbu u ma jitharrkux. Iharsu u jahsbu. Wara ftit tidhol Lureta mix-xellug b'gabarre bis-servizz tal-kafe. Tqieghed kikkra quddiem kull wiehed minnhom. Tieqaf thares lejhom. Turi li ma tista' tifhem xejn u terga titlaq minn fejn giet.)

Xena 30. (Jidher Gorg minn-nofs xellug. Jieqaf jixxengel fil-bieb. Jidher li mhux f'tieghu. Ghajnejh fil-hofra. Ikun ser jidhol fil-kamra izda mbaghad jiddeciedi xort'ohra u jitlaq minn nofs lemin. Anton u Philip ma jindunaw b'xejn)

ANTON:- (Biex jikser is-skiet). Dalghodu rajt lil Gorg. (pawsa) Kien sejjer lejn Malta. (pawsa) Ghidt bejni u bejn ruhi dan fejn sejjer ghaxma ta' l-ewwel qasam. (pawsa) Nghidlek is-sewwa kont ser inkellmu, imma mbaghad ghidt ahjar ma nkellmu xejn. (Pawsa) Dak Gorg jiskantani. Ghandu mohhu tant hu tajjeb, imbaghad kultant tarah fit-triq tahsbu li lanqas jaf jimxi. Qatt ma naf li rajtu f'hanut u kultant ikun qisu f'sakra ma jarax art. (Jidhaq) Dan Gorg ukoll. Insomma, lil Marta ma jixbahha xejn. Hemm bahar jaqsam bejniethom. Huwa t-tfal mhux hekk? Kultant lanqas temmen li jkunu ahwa. Issa hu lili, ommi kienet tghid li ghad insir avukat ghax mohhi dejjem kien jehewden kif ser nindahal fejn ma jesghanix u lsieni kien ighid daqs tellerita.

PHILIP:- (Bla ma jaqla ghajnejh minn fuq il-board) U ghadu habib. Ghadu.

ANTON:- Hadd mhu perfett fid-dinja. (pawsa) Ghadu ma giex lura minn Malta, Gorg?

PHILIP:- Kellha ragun ommok tghid li ghad tispicca b iex issir avukat.

ANTON:- Nahseb li ddizappuntajtha ghax sirt skultur. Innaqqax f'gebla, irhama jew injama dak li l-aktar jolqotni. L-aktar li nhobb innaqqax l-astratt, dak li it-tifsira tieghu trid tasal ghaliha wahdek - jekk ikun hemm tisfira wara kollox - jew biex tifhimni ahjar dak li tahseb x'tahseb dwaru huwa dejjem tajjeb. Ghalhekk astratt. Biex kulhadd ipingieh f'mohhu kif jidhirlu hu. Haga sabieha l-astratt.

PHILIP:- Fi ftit kliem tghix fis-shab. Nahseb li dan huwa wiehed mill-ostakli li qieghed ifixklek li xi darba tirbahli loghba.

ANTON:- Sejjer zball habib. Irbahtlek loghba. Biss int m' accettajtx it-telfa. Harbat kollox. Moralment naf li rbahtlek. U int taf ukoll. Billi r-rebha tieghi mhix ufficcjali? B'dana kollu xorta naf li rbahtlek. U dan ghalija huwa bizzejjed biex izommli l-moral gholi.

PHILIP:- Moral astratt. Duhhan. Shab. Xejn. Bahh. Ir-realt_a m'hawnx isbah minnha.

ANTON:- Meta ma nahbuhiex, iva.

PHILIP:- Ir-realta ma tistax tinheba.

ANTON:- Imma ahna nippruvaw nahbuha. Zball. Zball ohxon. Meta kont ghadni fil-bidu tal-karriera tieghi niftakar darba giet xbejb_a ghandi ta' xi hamsin sena. Zaqq qisha katuba, riglejn qishom mejda ta' billjard, ghonq qisu ta' kokka u xoftejn qishom ta' v a...zun. Dwar imnehirha, ghajnejha u widneja ma nista' nghidlek xejn ghax ma kienx fihom sura. Qaltli 'Sur Anton, irridek taghmel bust tieghi. Irridu sabieh u prezentabbli, Dahhlitni fi problema ghax kif jista' jkun li mill-hall taghmel l-imbit? Kienet dejjem puntwala biex tippozali. Kont naqbad it-tafal f'idejja u nipprova naghti formallil dak il-wicc bla forma. Izda qatt ma rnexxieli naghmel aktar minn ballun bit-tafal. U hi dejjem herqana biex tara l-bust lest. Kemm ser indum nghidilha 'ejja ghada?' Fl-ahhar imxabba sal-ponta ta' mniehir, bin-nuqqas ta' hila li kelli biex nuri wiec, b'iehor, qbadt it-tafal u bdejt inwaddbu kif gie gie, u naghfsu bl-ghaxar tiswaba. U tlaqt mill-kamra bil-hsieb li malli x-xbejb_a ta' hamsin sena terga' tigi biex tara fiex wasal il-bust, nghidilha car u tond li ma kellix il-hila naghmel dak li xtaqet hi. U l-ghada ergajt mort fil-kamra fejn

soltu nahdem. U bla ma naf ghaliex waqaft inhares lejn dik ic-cappa tafal li kont hallejt il-jum ta' qabel. Aktar ma bdejt inhares lejha, aktar bdejt naraha tiehu l-forma ta' wicc dik ix-xbejha b'ghonq ta' kokka. Dawk li ghal hafna setghu dehru li kienu gholjiet, widien xmajjar u mghodijiet, ghalija, f'dik il-bicca tafal bdejt nilmah l-akbar kapulavur li qatt kont ghadni ghamilt sa dak inhar. U meta fihemt lix-xbejba li dawk li kienu jidhru qishom zewg widien ma kienux ghajr il-kanali ta' taht ghajnejha, u li dawk il-muntanji mqabbzin il-barra kienu hugbejha, ballec. tant ghogbuha li flok bust wiehed ordnatli tnejn. Riedet tahrab ir-realta u fl-astratt sabiet il-kenn li xtaqet.

PHILIP:- Jaqaw m'ghandekx aptit tilghab, illum?

ANTON:- (Serju) Philip, kemm se ddum tahrab mir-realta? Tahseb li billi zzomm it-tieqa maghluqa sa tibdel xi haga?

PHILIP:- Ahjar tibqa barra minn dan l-argument jekk trid li nibqghu hbieb.

ANTON:- Ghaliex ma tridx tammetti li Gorg qed jinqered?

PHILIP:- Jekk ser tkompli ser nordnalek biex titlaq.

ANTON:- Biex imbaghad tisfa wahdek. S'issa jien ~~b~~biss zammejtlek kumpanija. Hmistax il-sena ili nittama. Philip, ejja f'tieghek. Hu hsieb Gorg u bierek li Marta. Wassalha int fejn trid tmur.

PHILIP:- Qatt u qatt.

ANTON:- Father Hugh qallek sewwa. Il-Mulej iridha ghalih.

PHILIP:- Jekk iridha ghalih jigi u johodha hu.

ANTON:- Din daghwa fahxija. Halfa. Nies bhalek ma jixirqilomx hbiberija. (Jitlaq minn nofs il-min)

PHILIP:- (Jghajjat) Lureta! Lureta!

Xena 31. (Lureta mix-xellug. Imbazza)

LURETA:- Tridni?

PHILIP:- Mur fittex lil Gorg. Irridu hawn. U lil Marta wkoll.

LURETA:- (Mifxula) Lil Marta naf fejn insibha, imma lil Gorg fejn tridni mmur infittxu?

PHILIP:- Mur fl-infern jekk ikun hemm bzonn. Irridu hawn.

LURETA:- (Ddur biex titlaq) Iva iva.

PHILIP:- Fejn sejra?

LURETA:- (Mifxula) Fejn baghtni; fl-infer. Ooe sejra nbiddel il-libsa.

PHILIP:- (Mitluf) Tbiddel xejn u tmur imkien. Hawn gew sar qishu habs. Sirt inhossni nifga meta nidhol f'din id-dar. Hemm bzonn li nichu ftit ta'l-arja. Hemm bzonn li...

Xena 32. (Jidhol Pietru Pawl minn nofs lemin)

P. PAWL:- Isa Philip, imxu l-isptar. Lureta. Lil Marta tajritha karozza.

JINTEFA' D-DAWL U JERGA JIXGHEL WARA TLETIN SEKONDA
*******************************************************

Xena 33. (It-tieqa hija miftugha u minnha dieħel dawl qawwi tax-xemx. In-nicca tal-accjomu tidher imdawwla wkoll bix-xemx. Father Hugh fil-bieb tan-nofs jitkellem minn taht l-ilsien ma P. Pawl u Anton. F'nofs il-palk jidhru zewg bagalji kbar.

LURETA:- (Tidhol b'bagalja ohra u tqeghda ma l-ohrajn) Kollox bil-lest.

Xena 34. (Philip mix-xellug liebes ghall b arra. F'idu ghandu brief case.) Jiena lest ukoll.

LURETA:- (Trista) Kollox ippakkjatlek. Ma hellejt xejn b arra.

PHILIP:- Xejn Lureta?

LURETA:- Xejn!

PHILIP:- (Jaqbad ir-ritratt ta' Rita) Grazzi Rit. (Iqeghdu fil-bagalja z-zghira) Hekk kellha tintemm il-familja tieghi. Wiehed fi sptar mentali minfejn ma jista johrog minnu u l-ohra mghaffga minn trakk. Riedha ghalih u gie hadha mieghu. Ghaddew tlett snin minn dak inhar.

ANTON:- (Jersaq lejh) Nawguralek, habib. Nawguralek.

P. PAWL:- (Jghannqu) Tibzax hi, lil Gorg nichu hsiebu jien.

PHILIP:- U int Lureta?

LURETA:- (Iddawwar wiccha tibki) Jiena rrid nigi nwasslek Malta. Sa l-airport irrid nigi. (Tixxotta demgha)

F. HUGH:- Kuragg Philip. Il-bambin habbek hafna. Nittama li l-arja tal-Afrika tkun aktar hanina mieghek.

PHILIP:- Hekk kien xieraq. B'ghemili cahhadthu minn haddiem fl-ghalqa ta' Mother Theresa. Issa qieghed inrodd dak li sraqt. Ahjar tibqa hawn, Lureta.

LURETA:- Tghid?

PHILIP:- Ahjar.

LURETA:- (Misthija tersaq lejh u tbusu bis-serqa fuq haddejh. Philip; johrog maktur u jimsah demgha. Jibdew hergin Lureta tibqa wehidha u tinfaqa tibki)

TMIEM.